MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 7/2012

**Nicolette u Michael konjugi Spiteri Bailey**

**vs**

**Raymond Bajada u Metalfit Co Ltd**

Il-Qorti

**Rat** li fit-28 ta' Mejju 2012 it-Tribunal tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti sentenza fl-avviz numru 143/10 fl-ismijiet prewmessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fis-7 t'April 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elfejn u tliet mitt ewro (€2,300), rapprezentanti aperturi ta'

l-Iroko, fejn beda hiereg is-sadid f'uhud mic-cappetti tal-imsemmija aperturi.

L-intimati pprezentaw risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendew ghas-seduta. Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma rapprezentanti tas-socjetajiet intimati, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti sottomettew bil-miktub illi huma kienu ingaggaw lill-intimat sabiex jissuplixxi u jinstalla aperturi ta' l-Iroko. Illi rrizulta li c-cappetti tal-imsemmija aperturi kellhom ikunu *electro-galvanised plated* u li wara xi zmien beda hiereg is-sadid minn xi whud mic-cappetti.
L-intimat issottometta li *electro-glavanising* huwa l-unika tip ta' *galvanizing* li fil-prattika jintuza hawn Malta.

Ghal dawn i-motivi:

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra n-nota ta' sottomissjonijiet, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu s-somma ta' elfejn ewro (€2,000) bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**Rat** li s-socjeta' konvenuta Metalfit Company Limited hassitha aggravata b'din id-decizjoni u interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-iumsemmija socjeta' appellanti fejn gie premess:-

1. Illi permezz tal-avviz fl-ismijiet premessi, ir-rikorrenti talbu illi l-intimat Raymond Bajada jigi ordnat ibiddel ic-cappetti affettwati w jirripristina l-aperturi affetwati billi jinzebghu mill-gdid u li jekk huwa jonqos milli jaghmel dan fi zmien stipulat mit-Tribunal, illi r-rikorrenti jigu awtorizzati jaghmlu huma x-xoghol necessarju, a spese tal-intimat.

2. Illi l-intimat Bajada talab li tigi kkjamata fil-kawza s-socjeta` esponenti.

3. Illi s-socjeta` esponenti eccepiet (a) illi hija ma ghandha ebda relazzjoni kummercjali u konsegwentement ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti konjugi Spiteri Bailey u ghaldaqstant, in kwantu t-talbiet tar-rikorrenti huma ndirizzati minnhom lejn is-socjeta’ eccipjenti, dawn ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u (b) in subsidju w bla pregudizzju ghall-premess, in kwantu ghall-oggetti mibjugha u konsenjati lill-intimat l-iehor Raymond Bajada, dan kien jaf ben tajjeb x’tip ta’ zinkatura tinghata lill-istess oggetti mill-fabbrika tal-esponenti, ghax ma kienx l-ewwel darba li nqeda bis-servizzi tas-socjeta’ eccipjenti, in kwindi kien imgharraf u jaf li l-istess oggetti ma kienux idoneji li jintuzaw fuq barra, allura messu tahom zinkatura u/jew protezzjoni differenti w ulterjuri ghal dik moghtija mis-socjeta’ esponenti.

4. Illi permezz tas-sentenza tat-28 ta’ Mejju 2012, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur iddecieda l-proceduri billi laqa’ t-talba tar-rikorrenti w ordna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu s-somma ta’ €2,000, bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

5. Illi s-socjeta` esponenti hasset ruhha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk qed tinterponi umili appell minnha lil din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet segwenti.

6. Illi l-aggravji tal-appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

(a) Illi l-appellanti esponenti ma ghandha ebda relazzjoni kummercjali u konsegwentement ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti konjugi Spiteri Bailey u ghaldaqstant, l-esponenti kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

(b) Illi in subsidju w minghajr pregudizzju ghall-premess, it-Tribunal mar oltre u lil-hinn mir-rimedju w it-talbiet tar-rikorrenti.

(c) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-sentenza appellata tikkontjeni apprezzament zbaljat tal-provi u tal-kontestazzjoni relattiva.

(d) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-sentenza u r-rimedju moghti lir-rikorrenti huwa sproporzjonat fil-konfront tal-esponenti appellant, tenut ukoll kont tar-rizultanzi tal-kaz odjern.

7. **L-ewwel aggravju tas-socjeta` esponenti: illi l-appellanti ma ghandha ebda relazzjoni kummercjali u konsegwentement ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti konjugi Spiteri Bailey u ghaldaqstant, l-esponenti kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.**

Jirrizulta mill-atti illi r-rikorrenti kienu ordnaw diversi aperturi minghand il-konvenut Raymond Bajada. Ghaldaqstant il-partijiet kontrajenti w ir-relazzjoni ta' konsumatur u kummercjant, hija unikament bejn ir-rikorrenti w il-konvenut. Ir-rikorrenti la qatt xtraw xejn minghand l-esponenti u lanqas ma qatt ikkontrattaw maghha.

L-esponenti la pprovddiet ebda servizz lir-rikorrenti u l-anqas ma fornietilhom xi prodott. L-uniku *involviment* indirettissimu tal-esponenti kien konsegwenza tal-fatt illi l-konvenut kien ha xi oggetti ghand l-esponenti sabiex isirilhom trattament ta' *zincatura elettrochimica*.

Il-fatt illi r-rikorrenti ma kellhom ebda relazzjoni guridika, huwa rikonoxxut mir-rikorrenti stess, kemm minhabba illi huma intavolaw l-proceduri odjerni unikament kontra l-konvenut Bajada, kemm mix-xhieda prodotti u jirrizulta ulterjorment u b'mod inekwivoku min-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti stess.

F'dan ir-rigward issir riferenza partikolari ghas-segwenti estratt min-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti:

"Illi ghalhekk huwa car u manifest illi f'dan il-kaz, il-kummercjant naqas milli jizgura illi "*l-oggetti minnu forniti*

*jkunu addattati ghall-iskop partikolari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom u li jkun gharraf bihom lill-kummercjant meta kien qed jaghmel il-kuntratt…u li jkunu addattati ghall-iskop li ghalih l-oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw."*

Semplici ezami tal-premess jikkonferma b'mod ampju illi l-esponenti ma tinkwadrax fil-lamenteli w il-pretensjonijiet tar-rikorrenti; (a) kif gja` rilevat l-esponenti ma kienet forniet l-ebda oggetti (l-oggetti kienu gew forniti mill-konvenut), (b) l-esponenti qatt ma kienet giet imgharrfa x'kien ser ikun l-*iskop partikolari* li ghalih kienu mehtiega l-oggetti li kienu ser jigu trattati (kemm ghax hija qatt ma kkomunikat jew kellha xi kuntatt jew intendiment mar-rikorrenti u kif ukoll minhabba li l-anqas il-konvenut ma kien indika l-iskop relattiv u (c) ir-rikorrenti ma kellhom ebda kuntratt mal-esponenti, peress li huma kienu ikkontrattaw direttament mal-konvenut u ghalhekk l-esponenti kienet totalment estraneja ghall-kuntratt ta' bejn ir-rikorrenti w il-konvenut.

Inoltre fir-riassunt dettaljatissimu tat-talbiet taghhom, li r-rikorrenti ghamlu fin-nota ta' sottomissjonijiet, huwa regghu tennew illi t-talbiet taghhom huma diretti unikament kontra l-konvenut Bajada.

Anke jekk, *dato ma non concesso*, il-konvenut kellu xi tip ta' xi pretensjoni fil-konfront tar-relazzjoni guridika li hu, minn-naha tieghu kellu mal-esponenti, zgur illi tali pretensjoni ma setghetx tigi ventilata tramite proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur. Semmai, dawn setghu jigu biss mressqa permezz ta' kawza ad hoc impostata mill-konvenut kontra s-socjeta' esponenti u dan fil-Qorti kompetenti.

In mancanza ta' tali rapport guridiku, u fin-nuqqas tal-ezistenza tar-rapport bejn konsumatur u kummercjant, huwa logiku li l-esponenti ma setghet qatt tigi kkundannata tirrizarcixxi xi danni pretisi, tajjeb jew hazin,

mir-rikorrenti. Jekk kien hemm xi nuqqas fl-ezekuzzjoni tal-appalt u fil-kwalita` tal-apperturi pprovduti, huwa logiku illi tali nuqqas kellu jigi attribwit lill-parti kontrajenti maghhom, u cjoe` il-konvenut. Kien il-konvenut, bhala l-persuna li accettat l-appalt tar-rikorrenti, li kien tenut illi jaccerta ruhu li dak li kien ser jipprovdi kien idoneju u skond il-kuntratt tieghu mar-rikorrenti.

In vista ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti w is-socjeta` esponenti, l-istess esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

8. **It-tieni aggravju tas-socjeta` esponenti: illi in subsidju w minghajr pregudizzju ghall-premess, it-Tribunal mar oltre u lil-hinn mir-rimedju w it-talbiet tar-rikorrenti.**

Ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti huwa wiehed carissimu w inekwivoku, rizultanti mill-avviz tat-talba, li testwalment tghid *"Ahna qed nitolbu illi c-cappetti affettwati jigu mibdula u l-aperturi affetwati jigu riprestinati billi jinzebghu mill-gdid. Jekk l-intimat jonqos milli jaghmel dan fi zmien stipulat minn dan it-Tribunal nitolbu il-permess sabiex naghmlu x-xoghol necessarju a spese ta' l-intimat."*

Li kieku dan ma kienx car bizzejjed, ir-rikorrenti regghew tennew u kkonfermaw ir-rimedju rikjest permezz tal-proceduri odjerni, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, ossija:

*"Illi ghalhekk r-rikorrenti qed jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jordna lis-Sur Bajada sabiex:*
*(i) Jaqla' c-cappetti kollha u jbiddilhom b'ohrajn godda illi jkunu ggalvanizzati b'mod illi jkunu jifilhu ghall-elementi. Hawnhekk wiehed irid japprezza illi l-aperturi in kwistjoni huma mwahhla fir-residenza tar-rikorrenti u ghalhekk it-tibdil ta' l-imsemmija cappetti ser jikkawza inkonvenjent kbir lir-rikorrenti jekk ma jsirx bil-ghaqal u b'certu hsieb u espedjenza, b'mod illi kif tinqala' cappetta din tigi mibdula minnufih b'cappetta gdida qabel ma jinqalghu aktar cappetti.*

*(ii) Jaghti garanzija illi l-iggalvanizzar uzat huwa idoneju ghal aperturi esterni billi jgib tali assigurazzjoni bil-miktub minghand min jissuplixxieh b'tali galvanizzar;*
*(iii) Jerga' jizboh l-aperturi sabiex id-dehra taghhom tigi riprestinata ghal dik li kienet qabel ma ssaddu c-cappetti;*
*(iv) Jaghmel dan kollu u jlesti x-xoghol fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dan it-Tribunal u b'mod illi ma jikkawzax inkonvenjent lir-rikorrenti.*
*F'kaz illi l-kummercjant mhuwiex f'pozizzjoni li jaghmel dan kollu, jew inkella ifalli milli jwettaq dan kollu fil-hin qasir u perentorju stabbilit minn dan it-Tribunal ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jordna rifuzjoni ta' parti mill-prezz ta' l-aperturi ekwivalenti ghall-prezz illi jkollhom ihallsu lil terzi sabiex jaghmlulhom dan l-istess xoghol, u dan taht dawk il-provvedimenti illi dan it-Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni."*

Tenut kont tal-premess, jigi sottomess bir-rispett illi t-Tribunal ma setax jinjora it-talbiet espliciti w ir-rimedji cari rikjesti mir-rikorrenti, daqs li kieku ma kienux saru u minflok jaqbad u jaqta kollox fil-qasir u semplicement jillikwida somma bhala pagabbli lir-rikorrenti.

9. **It-tielet aggravju tas-socjeta` esponenti: illi s-sentenza appellata, tikkontjeni apprezzament zbaljat tal-provi u tal-kontestazzjoni relattiva.**

Apparti l-fatt illi kif gja spjegat, ma kien hemm l-ebda ness guridiku bejn ir-rikorrenti u l-esponenti, fi kwalunkwe kaz, l-*apprezzament* tal-provi kien bir-rispett kollu zbaljat u t-Tribunal naqas milli jikkonsidra aspetti fundamentali dwar il-mertu.

Mill-provi prodotti certament illi ma rrizultax illi l-esponenti kienet naqset mill-obbligi taghha.

Fl-ewwelnett jirrizulta illi l-konvenut ma kien b'ebda mod indika lis-socjeta` esponenti l-ghan specifiku li ghalihom kienu ser jigu utilizzati l-oggetti li ried li jigu trattati (bhal per ezempju jekk hux ser jintuzaw gewwa jew barra) u l-anqas ma kien ikkontratta maghha dwar xi kwalitajiet/karatteristici partikolari. Kif tajjeb xehed Giogio

Galvan, nonostante li jezistu diversi tipi, gradi u kwalitajiet ta’ trattamenti ta’ *zincatura elettrochimica*, is-socjeta` esponenti tipprovdi biss tip wiehed minn dawn u ta’ grad uniku. Jekk l-uniku trattament li tipprovdi l-esponenti ma kienx approprijat ghall-iskop li kellu f’rasu l-konvenut, zgur illi ma kienx jispetta lill-esponenti li tipprova tindovina x’kienu l-intenzjonijiet tieghu, wisq iktar illi kif gja` inghad, l-esponenti toffri biss dak it-tip ta’ trattament. L-ghazla tat-tip ta’ zinkatura, ossija jekk hux dik tat-tip provduta mill-esponenti jew xi wahda mit-tipi l-ohra offruti minn azjendi lokali ohra, kienet esklussivament tal-konvenut u ghaldaqstant huwa biss il-konvenut li ghandu jirrispondi ghal tali ghazla.

Di fatti kif jirrizulta mill-provi, il-problema riskontrata mir-rikorrenti ma kienitx konsegwenza tax-xoghol kif ezegwit mill-esponenti, izda semplicement konsegwenza tal-fatt illi l-konvenut kien ghazel li jutilizza tip ta’ zinkatura li ma kienitx adegwata ghall-iskop li kellu f’rasu l-konvenut. Kif spjega s-sur Galvan, l-esponenti tipprovdi biss tip wiehed ta’ zinkatura u ghalhekk jekk il-konvenut ried jutilizza c-cappetti ghal xoghol fuq barra u cjoe` esposti kontinwament ghall-elementi, messu mar ghan azjendi ohrajn li joffru zinkaturi intizi ghal dak il-ghan. Nonostante li l-konvenut Bajada kien jaf x’kienet in-natura ta’ zinkatura provduta mill-esponenti, huwa xorta wahda mar ghandha, minghajr ma spjega l-ghan mehtieg. Wiehed hawn ma jistax jasal ghal konkluzjoni ohra ghajr illi l-konvenut Bajada kien ghamel hekk sabiex jaghmel qliegh ulterjuri fuq l-istima li kien ipprovda lir-rikorrenti. Di fatti, kif spjega fid-dettal is-sur Galvan, it-tip ta’ zinkatura pprovduta mill-esponenti hija wahda ta’ 8 microns, filwaqt illi hawn azjendi lokali ohra li jipprovdu zinkatura ghal xoghol li jkun ser jintuza fuq barra, li tkun tvarja minn 25 sa 150 microns. Ghalhekk, jekk il-konvenut Bajada ghogbu jaghti garanziji ulterjuri w informazzjoni zbaljata lir-rikorrenti, certament illi l-esponenti ma ghandhiex tiirispondi ghall-agir ta’ Bajada.

Filwaqt illi l-esponenti ma kienitx taf x’tip ta’ uzu kien ser jaghmel il-konvenut bic-cappetti, kif rilevat mir-rikorrenti stess fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, kien BISS il-

konvenut li kien ipprovdielhom il-garanziji w is-serhan tal-mohh u dejjem b'riferenza ghall-konvenut, komplew ighidu - *"kellu jiggustifika il-prezz sostanzjali ta' dawn l-aperturi kif jirrizulta mill-invoice prezentata"*.

Di fatti, iz-zewg fatturi tal-konvenut jammontaw globalment ghal €24,928.95c (ekwivalenti ghal Lm10,702). Fl-ahhar mill-ahhar, anke s-semplici prezz ghaz-zinkatura (globalment ammontanti ghal €72.96c - inluz VAT) imhallas mill-konvenut Bajada lill-esponenti, juri bic-car illi tali zinkatura hija wahda bazika w certament mhux wahda mehtiega ghall-uzu estern. Ma hemmx ghalfejn wiehed ikun tekniku biex jintebah b'dan. Bhala ezempju, zebgha adegwata sabiex tinzebah dghajsa certament illi mhijiex l-istess li tintuza biex tizbogh semplici mejda, izda jekk wiehed ma jghidx lill-fornitur taz-zebgha l-ghan specifiku mehtieg u semplicement jitlob zebgha, b'mod generiku, zgur illi l-fornitur taz-zebgha ma jistax jitqies respoinsabbli, jekk din ma tintuzax mill-utent ghall-iskop li ghaliha hija intiza.

Inoltre, fin-nota ta' sottomissjonijiet, ir-rikorrenti gustament irrilevaw - *"Illi meta fix-xhieda tieghu s-Sur Bajada qal illi huwa kien konvint illi l-iggalvanizzar illi kien uza kien wiehed idoneju, hu gie mistoqsi diversi drabi mir-rikorrenti kif wasal ghal tali konkluzjoni, izda huwa baqa' ma wegibx u meta mistoqsi x'ricerka kien ghamel dwar dan huwa ma kienx f'pozizzjoni illi jirrispondi."* u *"Illi zgur illi mhuwiex ekwu u gust illi r-rikorrenti ibaghtu <u>l-ispejjez ikkawzati unikament minn nuqqas ta' kompetenza tas-Sur Bajada fl-ghazla ta' iggalvanizzar illi huwa ta lic-cappetti, aspett essenzjali fil-mistier tieghu ta' mastrudaxxa</u>."* (sottolinea tal-esponenti) Dan ikompli jikkonferma illi, anke r-rikorrenti stess huma konvintissimi illi huwa biss il-konvenut li huwa responsabbli ghall-ghazla hazina tat-tip ta' zinkatura li kellha tigi utilizzata ghall-iskop partikolari minnu intiz u li kien ikun assolutament ingust u inkoncepibbli li huma jindirizzaw il-lamentali taghhom fil-konfront tal-esponenti. Fl-ahhar mill-ahhar, kif gja` rilevat, peress illi l-esponenti toffri biss it-tip ta' zinkatura li hija adegwata ghal ambjenti interni, zgur illi ma setghatx tezegwixxi tip ta' zinkatura li l-anqas biss tipprovdi!

10. **Ir-raba' aggravju tas-socjeta` esponenti: is-sentenza u r-rimedju moghti lir-rikorrenti huwa sproporzjonat fil-konfront tal-esponenti appellant, tenut ukoll kont tar-rizultanzi tal-kaz odjern.**

Kif gja` indikat, fil-kaz odjern jirrizulta illi l-appalt ghall-provvista w l-installar ta' aperturi kompluti, kien esklussivament bejn ir-rikorrenti w il-konvenut Bajada u li skond iz-zewg fatturi mahruga mill-konvenut, l-ammont pagabbli mir-rikorrenti lill-konvenut kien globalment ta' €24,928.95c (ekwivalenti ghal Lm10,702).

Huwa mod meta wiehed jikkompara tali ammont mal-figura ta' €2,000, (sija pure erronjament u kontra t-talbiet tar-rikorrenti), likwidata mit-Tribunal, izda certament ma jezisti l-ebda proporzjon (kif kontemplat fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur), inkwantu jirrigwarda l-prezz taz-zinkatura effetwata mill-esponenti, globalment ammontanti ghal €72.96c (inluz VAT). Ma ghandux ikun hemm dubbju illi l-aspett ta' proporzjonalita` ghandu jkun principju fondamentali.

Inoltre, fil-kamp tal-garanziji ghad-difetti li ma jidhrux dwar oggetti mibjugha, huwa wkoll principju stabbilit mill-Kodici Civili, illi gudikant ghandu jiehu in konsiderazzjoni jekk il-bejjiegh kienx jaf bid-difett tal-oggett jew le. Fil-fatt, l-artikolu 1429 tal-Kodici Civili jtenn illi; *"(1) Jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun ircieva izda wkoll li jhallas id-danni lix-xerrej. (2) Jekk il-bejjiegh ma kienx jaf bid-difetti tal-haga, hu obbligat biss irodd il-prezz u jhallas lix-xerrej l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgh."* F'dan ir-rigward issir ukoll riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet, *Patrick Muscat et vs Right Deal Limited* – decisa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta' April 2012. Fil-kaz odjern, wiehed irid ulterjorment jikkonsidra, mhux biss illi l-esponenti ma bieghet xejn u ma pprovdiet l-ebda *specifications* jew garanziji lir-rikorrenti, izda wkoll li l-esponenti certament ma setghatx kienet taf li seta' jirrizulta xi dannu peress illi ma kienitx giet avzata li c-cappetti kienu ser jintuzaw f'ambjenti esterni (kif

sottomess iktar ‘l fuq, il-problema ma kienitx kawza ta’ xi kwalita` karenti fiz-zinkatura pprovduta mill-esponenti, izda unikament konsegwenza tal-ghazla zbaljata minn-naha tal-konvenut Bajada, tat-tip ta’ zinkatura li kellha tigi uzata).

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta’ appellanti, kjamata in kawza, qed titlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tat-28 ta’ Mejju 2012 fis-sens illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-appellanti, tichad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti u tillibera lill-esponenti appellanti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

**Rat** ir-risposta tal-appell tal-atturi appellati Nicolette u Michael konjugi Spiteri Bailey fejn gie sopttomess:-

Illi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma.

Illi it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi kellu l-opportunita li jgharbel sew il-provi migjuba quddiemu u f'dan ir-rigward is-sejbiet fattwali tat-Tribunal m' ghandhomx jigu ddisturbati.

Illi f'dan il-kaz gie ippruvat ampjament illi l-atturi soffrew dannu billi l-intimat issupplixxa u installa aperturi ta' l-Iroko, liema aperturi kellhom cappetti li wara ftit zmien beda hiereg is-sadid minn hafna minnhom.

Illi dan gie kkonfermat mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi fis-sentenza appellate.

Illi fattwalment, l-atturi gew imwegheda cappetti tajbin ghall-uzu fuq barra, izda gew suppliti prodott li ma kienx konformi ma' din id-deskrizzjoni, tant illi wara biss ftit zmien dawn ic-cappetti bdew jissaddu bil-konsegwenza illi dan is-sadid ghamel hsara lill-apperturi mixtrija mill-atturi:

Illi ai termini tal-artikolu 73 tal-Art Dwar l-Affarijiet tal-Konsumaturi, kull kummercjant huwa obbligat li jissupplixxi prodotti konformi mad-deskrizzjoni taghhom u

mal-ispecifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgh *“u skond hekk ikollhom l-obbligu li jiiguraw li l-oggetti -*

*(a) jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogntija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici. l-fatiizzi u l-kwalitajiet ia' l-oggeit li l-kummerqant jkun uneghed jew ikun wera jew xort' ohra pprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell;*

*(b) jkunu adatti gnall-iskop partikolari li ghalih il-konsumaiur ikun jehtieghom u li jkun gharraf bihom lill-kummercjant meta kien qed jaghmel il-kuntratt;*

*(c) jkunu adattati gnall-iskop li gnalih oggetti ta' l-isiess tip normalment jintuiaw; u*

*(d) juru l-kumliui u kapaciid li huma normali f’oggetti ia' l-istess tip u li l-konsumaiur jista' ragoneoolment jistenna, fil-qies tax-xoria ta' l-oggetti u meta jitqiesu d-dikjarazzjonijiet pubblici dwar il-karatteristici specifici ta' l-oggetti li jsiru dwarhom sew mili-kummerciant, mill-produttur jew mir-rapprezentant iieghu, partikolarment fl-irreklamar jew fuq it-tikketti";*

Illi minghajr ebda dubju, l-appellat Raymond Bajada ma wettaqx 1-obbligi tieghu skond 1-artikolu succitat.
Illi wiehed ghandu jhares ukoll 1ejn id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili illi fl-artiko1u 993 jistabbilixxi rego1a generali illi 1-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fide.

Illi 1-artiko1u 1132 jispecifika wkoll illi kull parti f'kuntratt ghandha twettaq 1-obbligi taghha b'diligenza ta' *paterfamilias.*

Illi jekk persuna tonqos milli twettaq 1-obb1igi kuntrattwaIi taghha, hija obb1igata ghad-danni, u dan kif ser jigi diskuss aktar '1 isfe1;

Illi l-Kodici Civili johloq ukoll, fil-kaz ta' kuntratt ta' bejgh, garanzija ghad-difetti 1i ma jidhrux, u dan ai termini taI-artiko1u 1408 li jipprovdi:- *"Il-garanzija li l-bejjiegh ghandu*

*jagnti lix-xerrej, hija ghall-pussess pacifiku tal-haga mibjugha u ghad-difetii li ma jidhrux ta' dik il-haga",*

Illi b'mod aktar specifiku, l-artiko1u 1424 jghid hekk: *"Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagnha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom";*

Illi fil-kaz odjern huwa evidenti 1i l-kummercjant naqas milli jizgura 1i 1-prodott supplit minnu kien adatt ghall-iskop partiko1ari li ghalih i1-konsumatur xtara l-oggett u li kien gharraf Iill-kummercjant bih meta sar il-kuntratt, naqas milli jwettaq 1-obbligi kuntrattwali tieghu, u naqas milli jissuplixxi prodott li ma kienx milqut minn difetti latenti;

Illi ebda konsumatur ragjonevoli ma jistenna li cappetti ta' aperturi godda u li inxtraw bi prezz relattivament gholi, mixtrija specifikament ghall-uzu fuq barra, jintlew bis-sadid fi zmien iqsar minn sentejn, *multo magis,* meta l-kummercjant ikun specifikament assigura ripetutament illi biz-zebgha u bil-galvanizzar illi kien ser juza, il-konsumaturi ma kienx ser ikollhom ebda problema tant li setghu *"tuiahhluhom u tinsewhom";*

Illi li gara f'dan il-kaz, l-aperturi u c-cappetti inzebghu b' zebgha bajda u b'hekk ir-rikorrenti appellatti ma setghux jindunaw bil-hsara qabel mas-sadid tant kien avvanzat illi c-cappetti bdew jerhu s-sadid li bed a jiskula u itebba z-zebgha ta' l-aperturi;

Illi fl-ewwel aggravju taghhom, l-appellanti Metalfit Ltd. stqarret illi *"ma ghandha ebda relazzjoni kummercjali u konsegwentement ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti konjugi Spiteri Bailey u ghaldaqstant, l-esponenti kellha iigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju."*

Illi dwar dan 1-ewwel aggravju, minkejja li s-socjeta appellanti ma kellha ebda relazzjoni diretta mal-atturi appellati, l-istess socjeta kellha rabta guridika mal-intimat

Raymond Bajada billi kienet hi li wettqet l-iggalvanizzar tac-cappetti suppliti minn Raymond Bajada lill-a tturi;
Illi l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, senjatament Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi ghar-responsabbilta tal-produttur ghal hsarat ikkagunati minn difetti fil-prodotti tieghu;

Illi t-terminu 'produttur' huwa wiehed wiesa', u ai termini tal-artikolu 56 tal-Kap 378, jinkludi il-manifattur ta' prodott mitmum jew ipprocessat, kif ukoll il-manifattur ta' parti komponenti;

Illi, kif jipprovdi l-artikolu 58, ir-responsabbilta ghal prodotti difettuzi tirrikjedi biss prova (i) tal-hsara, (ii) tad-difett, u (iii) tar-rabta kawzali bejn id-difett u l-hsara, minghajr il-htiega li tintwera l-htija tal-produttur:

Illi prodott jitqies bhala wiehed difettuz jekk dan jonqos milli jipprovdi l-livell ta' kwalita' li persuna jkollha l-jedd li tistenna in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jinkludu: *“ (a) il-preientazzjoni tal-prodoti, kif ikun tmexxa fis-suq, u kull direzzjoni u twissija li jkunu gew ipprovduti, (b) liema uzu jista' jkun ragonevolment mistenni mill-prodott, u (c) iz-zmien meta l-prodoii ikun iqieghed fic-cirkolazzjoni",*

Illi l-artikolu 64 jipprovdi illi meta zewg persuni jkunu responsabbli ghall-istess hsara, 1-obbligazzjoni taghhom tkun wahda solidali;

Illi, finalment fir-rigward tar-responsabbilta ghal prodotti difettuzi, il-ligi tipprovdi ukoll illi r-responsabbilta tal-produttur ma titnaqqasx jekk il-hsara tkun ikkagunata kemm b'difett fil-prodott kif ukoll bl-intervent ta' terzi;

Illi l-artikolu 61 jipprovdi illi l-produttur huwa responsabbli ghal hsarat ta' proprjeta b'valur ta' mill-inqas hames mitt ewro (€500), kif gara fil-kaz odjern;

Illi ghar-ragunijiet suesposti huwa gust illi l-appellant jinzamm ukoll responsabbli lejn 1-atturi appellati;

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, dwar l-ewwel aggravju ukoll, it-taqsima tal-Kap 378 li tirrigwarda l-bejgh ta' prodotti lil konsumaturi, senjatament f' artikolu 77, tipprovdi illi meta l-ahhar bejjiegh tal-oggett ikun responsabbli lejn il-konsumatur minhabba nuqqas ta' konformita li tirrizulta mill-agir tal-produttur jew il-bejjiegh ta' qablu, l-ahhar bejjiegh, li f'dan il-kaz huwa s-Sur Raymond Bajada, ikollu l-jedd li jikseb rimedju kontra l-persuna li tkun responsabbli fir-rabta kontrattwali;

Illi, jidher li kien ghalhekk illi l-bejjiegh ta' qabel il-kummercjant ahhari fir-rabta kuntrattwali, gie kkjamat fil-kawza fil-kaz odjern;

Illi dwar ir-relazzjoni ta' bejn l-ahhar bejjiegh u Metalfit Ltd., u b'hekk dwar xi ntqal u xi ftehemu bejniethom, ghandu jirrispondi l-konvenut appellat Raymond Bajada;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kwistjoni bejn il-konvenut Raymond Bajada u 1-kjamati fil-kawza appellanti, m' ghandiex taffettwa lill-atturi, u dan minhabba l-fatt li d-danni li soffrew u ghadhom qieghdin isofru l-atturi, huma reali, u t-talbiet taghhom huma gustifikati;

Illi ghalhekk ir-rimedju moghti lill-atturi m' ghandux jigi affettwat;

Illi fit-tieni aggravju taghhom l-appellanti ssottomettew illi *"in subsidju w mingnajr pregudizzju ghall-premess, it-Tribunal mar oltre u lil-hinn mir-rimedju w it-talbiet tar-rikorrenti";*

Illi r-rimedju moghti mit- Tribunal huwa gust u jimmerita konferma stante illi jirrifletti b'mod realistiku id-dannu li soffrew l-atturi appellati;

Illi l-ewwelnett, dwar dan it-tieni aggravju, l-artikolu 74 tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jipprovdi illi il-kummercjant huwa responsabbli li jipprovdi rimedju ghal ku1l nuqqas ta' konformita fl-oggetti li kienet tezisti meta dawn gew

ikkunsinnati lill-konsumatur;

Illi b'mod aktar specifiku l-istess artikolu jipprovdi illi r-rimedju li ghandu jinghata lill-konsumatur fil-kaz ta' nuqqas ta' konformita huwa li l-oggetti jingiebu konformi bla ebda hlas jew li jinghataw Was lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat;

Illi l-artikolu 76 jispecifika illi jista' jinghata riduzzjoni fil-prezz meta l-kummercjant ma jkunx spicca r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazza fi zmien ragjonevoli;

Illi fil-kaz odjern, l-atturi appellati damu xhur jigru wara l-konvenut appellat Raymond Bajada sabiex iwettaq it-tiswijiet, u dan kemm il-darba weghedhom illi kien ser iwettaq dawn it-tiswijiet qabel ma' fl-ahhar infurmhom illi ma kienx ser jaghmel it-tiswijiet dovuti;

Illi kien f'dan l-istadju illi l-atturi intavolaw din il-kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi;

Illi l-artikolu 76 jistabbilixxi wkoll illi riduzzjoni fil-prezz tista' tinghata meta r-rimedju alternattiv ma jkunx jista' jitlesta ghal kollox minghajr inkonvenjent sinjifikanti ghall-konsumatur;

Illi m'hemmx dubju li fil-kaz odjern, ir-rimedju ta' tiswija u rimpjazzar ma jistax isir minghajr inkonvenjent kbir ghall-atturi appellati, kif ser jigi spjegat ahjar tul it-trattazzjoni tal-appell odjern;

Illi kien proprju ghar-ragunijiet premessi illi t- Tribunal kellu s-setgha kollha mehtiega li jaghzel li jaghti r-rimedju ta' ritorn ta' parti mill-prezz;

Illi l-artikoli tal-Kodici Civili jkomplu jsahhu d-dritt tal-atturi appellati ghall-hlas ta' danni u r-ritorn ta' parti mill-prezz, u dan billi l-Att Dwar l-I-Affarijiet tal-Konsumatur ma jeskludix l-applikazzjoni tal-ligi generali:

Illi l-Kodici Civili, senjatament f'artikolu 1125 jipprovdi ghall-hlas ta' danni fil-kaz li parti tonqos milli tesegwixxi l-obbligi kontrattwali taghha:

Illi l-artikolu 1133 ukoll jipprovdi illi, anke jekk ma jkunx hemm mala fede, debitur jigi kkundannat ghad-danni sew jekk naqas milli jezegwixxi l-obbligi kontrattwali tieghu kemm ukoll meta jikkawza dannu bid-dewmien fl-esekuzzjoni tal-istess obbligi;

Illi fil-kaz odjern Raymond Bajada mhux biss naqas milli jissupplixxi prodott tal-kwalita mwegheda lill-atturi, izda naqas milli jwettaq l-obbligi prezunti fil-kuntratt ta' bejgh illi jaghmel tajjeb ghal difetti li ma jidhrux, b'dannu ghall-atturi;

Illi kif diga ntqal, il-bejjiegh huwa obbligat li jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux;

Illi iktar minn hekk, l-artikolu 1429, liema artikolu jirrigwarda l-garanzija ghal difetti li ma jidhrux, jipprovdi illi meta l-bejjiegh ikun jaf bid-difetti, u f'dan il-kaz m'hemm ebda dubju illi hu kien jaf, jew tal-inqas seta' facilment isir jaf, huwa jkun obbligat mhux biss li jrodd lura l-prezz, izda wkollli jhallas id-danni lix-xerrej:

Illi t-tielet u r-raba' aggravji tas-socjeta appellanti jirrigwardaw specifikament ir-relazzjoni bejn is-socjeta appellanti u l-konvenut appellat Raymond Bajada, u ghalhekk ghandu jwiegeb ghalihom dan tal-ahhar:

Ghalhekk l-imsemmija appellati, filwaqt li rriservaw id-dritt li jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri fil-kaz li l-konvenut Raymond Bajada jippresenta risposta ghal dan l-appell, jitolbu lil dina il-Qorti tichad dan l-appell u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur;

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta appellanti u l-konvenut appellat Raymond Bajada, jew min minnhom.

**Rat** li l-konvenut Bajada ukoll hassu aggravat bl-imsemmija decizjoni u intavola appell incidentali minnha flimkien mar-risposta tieghu.

**Rat** ir-risposta tal-konvenut Raymond Bajada ghall-appell intavolat minn "Metalfit Company Limited" fit-18 ta' Gunju, 2012 u **rat** l-appell incidentali tal-istess konvenut fejn gie sottomess:-

1. Illi jigi rilevat *in vena preliminare*, sabiex ma jkunx hemm ekwivoci, li l-prezenti att ghandu jservi **[i]** bhala twegiba ghall-appell intavolat mis-socjetá Metalfit Company Limited u ghall-gravami minnha sollevati tramite r-rikors ta' appell taghha tat-18 ta' Gunju, 2012; u **[ii]** bhala appell incidentali ta' l-intimat Raymond Bajada mis-sentenza appellata pronunzjata fit-28 ta' Mejju, 2012, liema appell incidentali jiehu l-ispunt tieghu mir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija socjetá Metalfit Company Limited.

## II. RISPOSTA TA' L-APPELL

**1.** Illi s-socjetá appellanti tavvanza erba' motivi ta' aggravji illi fosthom hemm uhud – fil-konfront ta' l-appellati konjugi Spiteri Bailey – li l-appellat Bajada jhaddan filwaqt li hemm minnhom li kompletament ma jaqbilx maghhom.

**2.** Illi l-appellat Bajada jikkondividi t-tieni aggravju tas-socjetá appellanti – liema aggravju huwa indirizzat fil-konfront tal-konjugi Spiteri Bailey – izda mhux il-bqija ta' l-aggravji, fejn dawn jirrigwardaw kritika dwar l-operat u xoghol ezegwit mill-appellant Bajada.

**3.** Illi minn qari ta' l-ewwel, tat-tielet u tar-raba aggravji tas-socjetá appellanti wiehed jista' jintebah illi l-fil interkorrenti huwa wiehed, u cioè illi huwa Raymond Bajada li ghandu jwiegeb fil-konfront tat-talba tar-rikorrenti, li s-socjetá appellanti kienet estraneja ghal dak li ghadda bejn r-rikorrenti u Raymond Bajada u li jekk hemm operat li ghandu jigi kritikat u kundannat dan huwa solament ta' l-istess Bajada u mhux tas-socjetá Metalfit Company Limited.

**4.** Bhala twegiba ghal tali aggravji, l-appellat Bajada jaghmel pjena referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu datata 11 ta' April, 2011. In aggjunta má dawk l-osservazzjonijiet, l-appellat Bajada jissottometti dak li ser isegwu.

**5.** Illi l-appellat Bajada kien ha diversi cappetti ghand is-socjeta appellanta Metalfit Company Limited sabiex dawn jigu galvanizzati. Is-socjeta appellanta kienet taf li l-oggett (cappetti) supliti lilha kellhom jintuzaw fuq aperturi li kienu ser jkunu esposti ghall-elementi u kien ghalhekk li l-appellant Bajada mar ghandha u cioe biex hija tiggalvanizza l-istess. Dan l-iggalvanizzar kellu jkun ta' certu kwalitá, durevoli fiz-zmien u li ma jimmanifestax difetti jew nuqqasijiet ohra simili li jiddiminwixxu l-utilitá tieghu. Huwa mmaterjali – hekk kif tghid is-socjetá appellant msemmija – illi kien l-appellant Bajada li messu ra x'kellu bzonn u dan peress li l-appellanti Bajada mar ghand is-socjeta appellant Metalfit proprju ghalhekk l-ghaliex kienet hi li kienet qeghda tippresta servizz ta' galvanizzar u allura hija kienet l-esperta in materja u mhux bil-maqlub kif qeghda tippretendi issa l-imsemmija socjeta appellant. L-obbligu tas-socjetá kienet li tforni oggett ta' kwalitá. L-iggalvanizzar kellu jkun ta' kwalita li jservi ghall-iskop naturali tieghu. Apparti dan kollu, l-appellat Bajada kien kellem lill-addett tas-socjeta appellanta u kien infurmah x'kien l-iskop li ghalih kien sejjer jintuza l-iggalvanizzar. Minflok ma s-socjeta appellanta telghet lil dan l-individwu, hija ghazlet li tressaq persuna ohra li ma kellu x'jaqsam xejn bejn il-ftehim li sehh bejn Bajada u l-addett tas-socjeta appellanta.

**6.** Illi ghaldaqstant is-socjetá appellanti – galadarba jidher li l-iggalvanizzar minnha maghmul fuq ic-cappetti moghtija lilha mill-appellat Bajada ma kienx effettiv – fl-umili fehma ta' l-appellat Bajada, ghandha ggorr ir-responsabbilitá ta' l-akkadut. L-ilment tar-rikorrenti hu li c-cappetti hargilhom is-sadid. L-iggalvanizzar ta' dawn ic-cappetti kellhu jsir mis-socjeta appellanti Metalfit u kellu jsir skond is-sengha u l-arti u ghall-uzu li solitament iservu c-cappetti (f'dan il-kaz ma' l-aperturi li jkunu esposti ghall-

elementi). Dak l-iggalvanizzar ma giex maghmul mill-appellat Bajada, izda prodott u fornit mis-socjetá appellant. *Ergo*, hija din li ghandha twiegeb ghan-nuqqas fl-oggett u ghad-danni konsegwenzjali u huwa f'dan il-kwadru li gie stabbilit il-vinkolu guridiku bejn is-socjetá Metalfit Company Limited u l-konjugi Spiteri Bailey.

**7.** Illi ghar-rigward tar-relazzjoni guridika bejn is-socjeta appellanti u l-konjugi Spiteri Bailey, jinghad li t-talba ghall-kjamat in kawza tas-socjeta appellanti saret proprju sabiex ikun hemm l-ekomonija tal-gudizzju li trid il-ligi. Is-socjeta appellanti forniet l-iggalvanizzar fuq cappetti li l-appellat Bajada installa ma' l-aperturi minnu maghmula fir-residenza tal-appellati konjugi Spiteri Bailey. Il-konjugi Spiteri Bailey qed jilmentaw mill-iggalvanazzar uzat u dan peress li c-cappetti hargilhom is-sadid. Dan hu proprju l-hsieb wara l-istitut tal-kjamat in kawza u dan huwa proprju li qalet din l-Onorabbli Qorti, kif diversament ippreseduta, nhar is-17 ta' Frar, 2003 fl-ismijiet **Cachia & Zammit Ltd vs Hix Ltd**, filwaqt li kkwotat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Sede Kummercjali fil-kawza fl-ismijiet Agent Accountant General et –vs – George Xuereb noe deciza fil-15 ta' Marzu 1991. F'din l-ahhar sentenza inghad li "*<u>Il-kjamata in kawza ghandha fost ohrajn il-funzjoni li tkun prezenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament ma' l-atturi izda mal-konvenut</u> in kwantu dan ta' l-ahhar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur ghal kull dannu li jista' jsofri ghaliex ikun dan li fil-konfront tieghu jrid jirrispondi. Il-presenza tas-sub-appaltatur ghalhekk hija utili ghaliex telimina l-possibilita' ta' kumplikazzjonijiet fir-rigward tal-problemi konnessi mal-ezekuzzjoni tax-xoghol – kemm ghaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li ezegwixxa x-xoghol, u kemm ghaliex dan tal-ahhar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avanzax difiza valida u efficjenti fil-konfront tal-atturi - b'hekk gie bata huwa*".

**8.** Ghalhekk l-ewwel, it-tielet u r-raba aggravji m'humiex meritevoli t'akkoljiment u, konsegwentement, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta appellanti.

**II. <u>APPELL INCIDENTALI TA' RAYMOND BAJADA</u>**

**9.** Illi, ai termini ta' l-Artikolu 240(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, l-intimat Raymond Bajada, qed jinqeda bl-appell tas-socjetá appellanti li sar mis-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur datata t-28 ta' Mejju, 2012 u qed jintavola appell incidentali mill-istess, u ghal kull bwon fini u ghall-kjarezza, ai termini ta' l-Artikolu 144(1) ta' l-indikat kodici ritwali, jigi rilevat li dan l-appell incidentali qed isir mis-sentenza appellata kontra r-rikorrenti konjugi Spiteri Bailey u kontra s-socjetá Metalfit Company Limited.

**10.** Illi permezz ta' avviz ipprezentat fl-24 ta' Marzu, 2010, ir-rikorrenti, wara li premettew, *inter alia*, illi fis-sena 2006 l-intimat Bajada kien inghata kuntratt t'appalt sabiex jissuplixxi u jinstalla sitt (6) aperturi ta' l-injam ta' l-ghamla Iroko. Illi c-cappetti ta' tali aperturi kellhom ikunu "*electro-galvanized plated*" u dan sabiex ikunu ta' *maintenance* minima. Illi fis-sena 2008 ic-cappetti, allegatament, kienu bdew jissaddu u sas-sena 2009 nofshom kienu kollha msaddin. Illi ghalkemm l-intimat Bajada gie nterpellat biex jirrimedja, dan baqa' m'ghamilx hekk. Ir-rikorrenti, ghalhekk, talbu li t-Tribunal jordna t-tiswija tac-cappetti ta' l-aperturi billi jigu ripristinati b'ohrajn godda u fin-nuqqas ta' l-intimat Bajada milli jaghmel dan, huma jkunu fakoltizzati li jaghmlu tali bidliet u tiswijiet a spejjez ta' l-imsemmi intimat.

**11.** Illi l-intimat Bajada wiegeb permezz ta' risposta fejn ecceppixxa hekk:

**i.** Fl-ewwel lok qeghda tigi eccepita l-preskrizzjoni tas-sentejn kif hemm mahsub fl-artikolu 78 tal-Kapitolu 378;

**ii.** Fit-tieni lok, u minghajr ebda pregudizzju ghal premess, id-dokument A, esebit mir-rikorrenti ma hijiex "skrittura" izda hija biss *quotation*. F'kull kaz, din l-istess *quotation* tghid li "*all hinges are elctro-galvanized plated*" u dak li ghamel l-intimat. L-*electro-galvanizing* sar mid-

ditta Metalfit Co. Ltd. Kopja tar-ricevuti relattivi jigu esibiti waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**iii.** Fit-tielet lok jinghad li x-xoghol de quo beda' jigi nstallat fis-sena 2006. Fil-bidu ta' l-2007 saret zebgha biss ma' l-aperturi, u dan wara li l-kahhal lesta x-xoghol tieghu. L-intimat thallas in full fi Frar, 2007.

**iv.** Fir-raba lok, dan it-tribunal ma ghandux kompetenza biex jawtorizza lir-rikorrenti jaghmlu huma x-xogholijiet rikjesti a spejjez ta' l-istess intimat

**12.** Illi fil-kors tal-proceduri giet imsejjha fil-kawza l-kumpannija "Metalfit Company Limited" u din ressqet is-segwenti eccezzjonijiet:

**i.** Illi bejnha u r-rikorrenti konjugi Spiteri Bailey ma kienet tghaddi l-ebda relazzjoni guridika u, ghalhekk, t-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu diretti kontriha, kellhom jigu rigettati bl-ispejjez;

**ii.** Illi in kwantu ghall-oggett mibjugh, l-intimat kien jaf jew messu kien jaf li jekk ic-cappetti ghall-aperturi kienu ser jintuza fuq barra, dawn kellhom bzonn process ta' zinkatura ulterjuri u aktar akut milli dak relament rikjest.

**13.** Illi b'decizjoni datata it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2012, it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-sentenza tieghu li permezz taghha laqa' t-talba tar-rikorrenti u ordna lill-intimati *in solidum* bejniethom biex ihallsu s-somma ta' elfejn ewro (€2,000), komprizi wkoll l-ispejjez tal-proceduri.

**14.** Illi dan id-*decide* gie raggunt wara li t-Tribunal kkunsidra hekk:

*Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ingaggaw lill-intimat sabiex jissuplixxi u jinstalla aperturi ta' l-Iroko. Illi rrizulta li c-cappetti ta' l-imsemmija aperturi kellhom ikunu "electro-galvanized plated" u li wara xi zmien beda hiereg is-sadid minn xi whud mic-cappetti.*

*L-intimat issottometta li "electro galvanizing" huma l-uniku tip ta' "galvanizing" li fil-prattika jintuza hawn Malta.*

**15.** Illi l-intimat Bajada hass ruhu aggravat bis-sentenza tat-28 ta' Mejju, 2012, u ghalhekk qed jinterponi dan l-umili appell incidentali quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

**16.** Illi l-aggravji ta' l-appellant odjern huma cari u manifesti u jikkonsistu principalment fil-fatt illi:

i. It-Tribunal ma ndagax, hekk kif kien mistenni u minnu doveruz, fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimat Raymond Bajada, llum appellant. Dan imur kontra dak koncepit fil-*proviso* ta' l-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 u kontra dan statwit fl-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u, ghalhekk, tiskatta l-jedd taht l-Artikolu 22(2)(*b*) tal-Kapitolu 378.

ii. Minghjar pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-*considerandi* tat-Tribunal u l-parti razzjonali tad-decizjoni hija ghal kollox mankanti fid-decizjoni emessa. Dan imur kontra r-regola fundamentali li organu gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju, li hu munit b'setghat decizjorji, ghandu jaghti raguni u motivazzjonijiet ghall-konkluzjoni/decizjoni minnu milhuqa. Dan jivjola l-jedd ta' l-intimat kif kontemplat fl-Artikolu 22(2)(*c*) tal-Kapitolu 378.

**17.** Illi fi kwalsiasi kaz, u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, l-intimat, issa appellant ma setghax jigi misjub responsabbli *versu* l-allegazzjoni tar-rikorrenti stante li hu wettaq dak mitlub mir-rikorrenti u dan ghamlu skond l-ahjar arti u sengha. Jekk kien hemm xi difett, dan kien inerenti ghall-oggett kif suplit mis-socjetá msejjha fil-kawza u mhux tramite l-operat tieghu. Ghalhekk kienet is-socjetá kjamata fil-kawza li kellha tirrispondi ghall-ilmenti tar-rikorrenti.

**18.** Illi, bla pregudizzju ghall-aggravji *supra*, t-Tribunal skonfina fl-arbitriju meta akkorda rimedju *toto coeli* divers minn dak minnu domandat mir-rikorrenti. Hawnhekk ghandna Tribunal li, *marte proprio* u minghajr ebda motiv, skonfina fl-ultra petizzjoni.

**19.** Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji kollha precedentement esposti, s-somma akkordata mit-Tribunal hija priva minn kwalsiasi fundament guridiku, ma ssibx ir-radici fil-provi akkwiziti u, kunsidrati l-fattezzi tal-kaz u ta' l-ilment tar-rikorrenti, hija ferm sproporzjonata.

**20.** Illi jigi premess u ccarat illi l-appellant odjern – filwaqt li jaqbel má u jhaddan l-istess perspettiva tas-socjetá appellanti espressa tramite it-tieni, it-tielet u r-raba aggravji taghha, dejjem fejn dawn huma konsistenti mat-tezi ta' l-intimat u m'humiex in kunflitt má dak li ser jigi sottomess *infra* – ma jhaddanx l-istess ottika fir-rigward ta' l-ewwel aggravju sottomess mill-istess imsemmija socjetá.

**21.** Spjanat dan il-preambolu introduttiv, l-appellant Bajada ser ighaddi biex jiddibatti l-aggravji minnu mqanqla *supra*.

**L-ewwel Aggravju: Preskrizzjoni *ex* Art. 78 tal-Kap. 378**

**22.** Minn ezami anke superficjali tas-sentenza appellata huwa kjarament evidenti illi t-Tribunal adit naqas li jippronunzja ruhu dwar il-preskrizzjoni opposta mill-intimat Bajada, issa appellant, a norma ta' l-Artiikolu 78 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Dan bi ksur tal-proviso ghall-Artikolu 21(1) ta' l-Att li jipprovdi li "*kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata' skond il-ligi*". Meta l-legislatur iddetta dan il-provvediment b'dik il-frazi, "skond il-ligi" ma setax ma kellux f'mohhu d-disposizzjonijiet rilevanti procedurali kif statwiti fil-Kodici ritwali taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet, *inter alia*, l-Artikolu 730 tieghu li jiddisponi illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni

ghandha tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu.

**23.** Hi gurisprudenza konkordanti illi jekk l-imsemmija disposizzjoni ma tigix segwita, ir-rimedju hu dak li s-sentenza appellata tigi annullata minnhabba difett ta' forma u l-atti rinvjati lura lill-ewwel tribunal (ara **Nicola Cassar *nomine et* vs. Carmelo Cachia**, Appell Civili, 12 ta' Dicembru, 1931 u **Raphael Micallef vs. Anthony Agius**, Appell Civili, 12 ta' Mejju, 1997). Fl-istess waqt gie però wkoll deciz, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12, illi l-eccezzjoni tan-nullitá tas-sentenza ghal dik ir-raguni m'ghandhiex tigi intrattenuta jekk l-Appell isib li s-sentenza moghtija b'dak in-nuqqas hija sostanzjalment gusta (ara **Carmelo Sultana *nomine et* vs. Annunzjata armla Giordmaina**, Appell Inferjuri, 22 ta' Frar, 1964).

**24.** Madanakollu, fil-kwadru li johrog mis-sentenza appellata l-Artikolu 790 ma jistax jigi invokat b'success u dan l-ghaliex, kif sewwa osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Sammut *et* vs. Peter Vella** (Appell Civili, 21 ta' Marzu, 1988), "*il-fatt biss li s-sentenza giet deciza bhallikieku l-ewwel eccezzjoni (dik tal-preskrizzjoni) ma kienetx tezisti diga` huwa indikattiv bizzejjed li s-sentenza appellata ma tistax tkun gusta fis-sustanza taghha*."

**25.** Rigwardata minn tali ottika, u f'dawn ic-cirkustanzi, din l-Onorabbli Qorti ma tistax hlief tiddikjara nulla s-sentenza hawn appellata. Mhux il-kaz, però, li din il-Qorti tibghat lura l-atti lit-Tribunal u dan in vista ta' dak li jinghad fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 378 li jrid li meta l-Qorti thassar is-sentenza ghandha tiddefinixxi l-materja hi stess skond id-dettami ta' l-Artikolu 21 ta' l-imsemmi Kapitolu.

**26.** In vista ta' dan, l-appellant jaghmel referenza ghall-argumenti minnu zvolti fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu quddiem it-Tribunal datata 11 ta' April, 2011 fejn espona *funditus* fuq it-tematika tal-preskrizzjoni. Ghaldaqstant, m'hemmx il-htiega li l-appellant jerga jtenni tali osservazzjonijiet hawnhekk u/jew jaghmel elaborazzjoni

ulterjuri fuq dak gjá minnu espress. Madanakollu, jibbastaw dawn ir-riljevi fil-qosor:

**a.** Illi l-inkarigu mir-rikorrenti lill-appellant Bajada inghata fis-6 ta' Frar, 2006;

**b.** Ix-xoghol da parti ta' l-intimat Bajada gie kompletat fl-ewwel gimgha ta' Jannar, 2007 u l-hlas ghas-servizzi tieghu sehh fuq diversi perjodi, ossia fid-19 ta' Frar, 2006 (depozitu), fis-7 ta' Settembru, 2006, fl-1 ta' Dicembru, 2006 u, l-ahhar hlas, fl-20 ta' Frar, 2007;

**c.** Ir-rikorrenti jaqblu illi x-xoghol li kellu jaghmel l-intimat Bajada sehh u gie konsenjat fi Frar, 2007;

**d.** L-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 jghid illi l-kummercjant ghandu jkun responsabbli taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 73 u 74 meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformità **<u>fi zmien sentejn mill-kunsinna ta' l-oggetti</u>**. Dan il-perjodu ghandu jigi sospiz sakemm idumu ghaddejin in-negozjati bejn il-kummercjant u l-konsumatur bil-ghan li jintlahaq ftehim amikevoli.

**e.** L-Artikolu 79(1) tal-Kap.378 jghid li sabiex ikun jista' jikseb beneficcju mir-rimedji disponibbli taht din it-Taqsima, konsumatur ghandu javza lill-kummercjant **<u>bil-miktub</u>** b'kull nuqqas ta' konformità **<u>fi zmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebah b'dak n-nuqqas</u>** ta' konformità. Skond it-tieni subinciz ta' l-istess Artikolu, ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu, ghandu jitqies bhala prova sufficjenti li jkun inghata avviz jekk in-**<u>notifika ssir b'att gudizzjarju fiz-zmien preskritt</u>**, jew jekk il-konsumatur juri li l-**<u>ittra</u>** tkun intbaghtet **<u>bil-posta registrata fiz-zmien preskritt</u>**.

**f.** Ir-rikorrenti ma ezibew l-ebda ittra registrata jew att gudizzjarju fis-sens hawn fuq diskuss u fiz-zmien li trid il-Ligi;

**g.** Ghalhekk jigi li r-rikorrenti kellhom sa Frar 2009 sabiex javvanza l-pretensjonijiet taghhom u li nel frattemp jimxu má dak sancit fic-citat Artikolu 79;

**h.** Ir-rikorrenti la mxew ma l-imsemmi Artikolu 79 u anqas ma ntavolaw l-kawza fi zmien sentejn minn zmien il-konsenja;

**i.** Il-Kawza taghhom giet imressqa quddiem l-imsemmi Tribunal fl-24 ta' Marzu, 2010, u cioè 'l fuq minn tlett snin wara l-konsenja ta' l-oggett;

**j.** *Ergo*, l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta bid-dekors ta' zmien *ex* Artikolu 78 tal-Kapitolu 378.

**It-Tieni Aggravju: Nuqqas ta' Motivazzjoni**

**27.** Bla ebda pregudizzju ghall-ewwel aggravju u qabel ma wiehed jidhol fit-tieni aggravju, l-appellant janticipa illi l-kontro-parti ser tappilja mas-sottomissjoni solita illi mhux ghal Qorti tat-tieni grad illi tindahal fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti (f'dan il-kaz, Tribunal) in prim'sitanza.

**28.** Huwa opportun li jinghad minn issa illi dan il-principju mhux assolut tant li ma huwa xejn infrekwenti illi Qorti ta' revizjoni tissindika l-valutazzjoni tar-rizultanzi probatorji maghmula mill-ewwel Qorti (jew Tribunal), u tissostitwixxi dik id-diskrezzjoni b'dik taghha meta ssib illi l-valutazzjoni effettwata mhiex wahda logika u koerenti mal-elementi tal-provi attendibbli, konsiderati f'kwadru ta' indagini unitarju u organiku, u, fuq kollox, illi dik l-istess valutazzjoni tohloq inikwitá w ingustizzja mal-parti telliefa (ara **Emily Stivala et vs. George Pace**, Appell, 6 ta' Ottubru, 2000).

**29.** Illi b'dan maghdud, wiehed mall-ewwel jintebah illi s-sentenza appellata ma tikkontjeni l-ebda parti razzjonali fejn gew esposti u espressi l-motivazzjonijiet tat-Tribunal. Ghalhekk, wiehed hawnhekk ma jistax jikkontempla xi forma ta' rimpjazzament ta' diskressjoni ezercitata *in primo grado* minn qorti tat-tieni grad u dan l'ghaliex is-sentenza ma tesprimi l-ebda forma ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni, hlief ghall-osservazzjoni generika fuq kwotata.

**30.** Huwa ormai pacifiku illi jezisti d-dritt li d-decizjoni trid tkun bazata fuq stharrig probatorju logiku u ghandha jkollha motivazzjoni sobrija li tindika r-ragunijiet ghaliex t-talba jew l-eccezzjonijiet ghaliha jkunu qed jigu milqugha jew michuda. Fi kliem iehor, il-process ghandu jipproduci dik id-decizjoni akkurata li tirrifletti l-verifiki korretti ta' fatt u l-applikazzjoni tal-ligi. Ikollu jinghad bi qbil ma' l-awtur **McLaughlin** ("The Roles of Administrative Tribunals and Courts in Maintaining the Rule of Law", pagna 187), "*only if decisions can be defended rationally with reasons or some imprint of rationality can the Rule of Law survive*".

**31.** Jikkonsegwi minn dak *supra* premess illi d-decizjoni tista' tkun soggetta b'success ghal revizjoni jekk jinstab illi t-Tribunal ma jkunx ippresta attenzjoni adegwata lill-meriti tal-kaz, jew fejn l-ezercizzju tal-poter diskrezzjonali jkun ghal kollox nieqes minn raguni jew meta l-konkluzjoni ultimament raggunta tirrizulta illogika.

**32.** Fermi dawn l-osservazzjonijiet u applikat dan ghall-kaz in ispecje, r-riflessjoni li tohrog minn ezami tad-decizjoni appellata hi wahda li turi nuqqas assolut ta' motivar.

**33.** Skond is-sentenza fl-ismijiet **Bonalco Alminium Limited vs. John Peresso** (Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007), "*hi affetta minn nullità b'mod assolut dik is-sentenza li tirrizulta ghal kollox priva minn esposizzjoni tal-motivi ta' fatt u ta' dritt li fuqha hi bazata d-decizjoni. Lanqas ma tista' tigi legittimament konsiderata bhala motivazzjoni, a norma ta' l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12, dik il-motivazzjoni merament apparenti, izda mhux ukoll intrinsikament idoneja biex minnha wiehed ikun jista' jippercepixxi sew ir-ragunijiet li tqeghdu ghab-bazi tad-decizjoni*." Má dan jista' jizdied illi, "*l-motivazzjoni kienet ta' essenza tal-gudizzju u ma jistax jinghad li jkun qed jidher li ssir gustizzja jekk il-partijiet in kawza ma jinghatawx almenu s-sodisfazzjon minimu tar-raguni li wasslet lil gudikant ghad-decizjoni tieghu*". (**Cauchi Ltd vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, Appell, 6 ta' Ottubru, 2000).

**34.** B'dan registrat, rilevanti hafna hija s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Dylan Mallia vs. Bargain Holidays** (Appell Inferjuri, 31 ta' Ottubru, 2007) fejn gew elenkati r-rekwiziti minimi li decizjoni ta' Tribunal (gudizzjarju u/jew kwazi-gudizzjarju) ghandu jkun fiha. Dawn huma:

i. Indikazzjoni tal-partijiet fil-proceduri;
ii. Esposizzjoni konciza tal-fatti tal-process;
iii. Esposizzjoni tal-motivi tad-dritt fejn jokkorru;
iv. Il-motivazzjoni, ankè jekk mhux necessarjament wahda elaborata;
v. Id-dispositiv.

**35.** L-ilment ta' l-odjern appellant hu illi s-sentenza tippekka fil-punti (iii) u (iv) supra mfissra peress li m'hemm l-ebda esposizzjoni tal-motivi tad-dritt applikabbli ghall-kaz in specje u l-anqas m'ghandha motivazzjoni li tfisser sewwa sew kif it-Tribunal ghazel li jakkolji t-talba tar-rikorrenti u jichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat u, anke, tas-socjetá msejjha fil-kawza.

**36.** Fig-gjá citata sentenza ta' **Bonalco Alminium Limited vs. John Peresso**, din il-Qorti hasset in-necessità li tfakkar illi, ukoll fi process kwazi-gudizzjarju, l-partijiet in kawza ghandhom dejjem, anke jekk mhux b'mod approfondit, jinghataw almenu s-sodisfazzjoni minima tar-raguni li wasslet lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu. Dan mhux biss rigwardat mill-punto di vista tar-regola bazika tal-gustizzja naturali *audi alteram partem* imma wkoll mill-vizjoni tad-dritt ekwitattiv u tal-gustizzja sostanzjali li jippreciza l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 378 ghall-aggudikazzjoni tal-mertu mit-Tribunal (ara wkoll **George Vella vs. Paul Fenech Furniture & Doors Manufacturer** , Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004).

**37.** Ma jkunx futili illi hawnhekk jigi mfakkar x'qalet din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, fi zminijiet pjuttost recenti, u cioè illi, "*din il-Qorti qed tirritjeni li l-Arbitru u kull gudikant ghandu fl-ewwel lok jiehu in*

*konsiderazzjoni l-aggravji mressqa quddiemu u jikkonsidra l-istess fid-dawl tal-argumenti migjuba mill-kontro-parti u jiddeciedi l-istess fid-diskrezzjoni tieghu f'dak li huma fatti, u fid-dawl tal-ligi, b'dan li jinghata aditu ghal dak sottomess mill-partijiet quddiemu, in vista u in omagg tal-principju cerimus paribus u ta' smigh xieraq, li jwasslu li d-decizjoni tkun ben motivata ... din il-Qorti qed tiddeciedi, li l-Arbitru kellhu jiehu in konsiderazzjoni kull fatt relattiv u determinanti ghall-kaz in kwistjoni, u dan jinkludi kemm dak favur jew kontra xi wiehed jew iktar mill-partijiet quddiemu, u dan sabiex fl-ahhar mill-ahhar jasal ghall-konkluzjoni tieghu, wara li jikkonsidra l-provi kollha quddiemu, haga li f'dan il-kaz ma saritx*" (**Tania Galea vs. Direttur tas-Sigurtá Socjali**, Appell Inferjuri, 13 ta' April, 2011). Dan qed jigi rilevat, ghax minn qari tad-decizjoni jidher manifest illi t-Tribunal ma ndagax fil-linja difensjonali ta' l-appellant. Anzi, qari oggettiv taghha jaghti l-impressjoni distorta illi l-appellant anqas biss ssolleva xi tip ta' linja difensjonali u li lanqas ma ressaq xhieda u li anqas ma ghamel sottomissjonijiet, mentri fil-fatt ir-realtá tal-vicenda processwali kienet effettivament bil-kontra.

**38.** Harsa lejn is-sentenza tat-Tribunal turi *de visu* karenza totali ta' motivazzjoni u, ghaldaqstant, dan igib lezjoni tal-jeddijiet tal-partijiet u, konsegwentement, tali decizjoni ghandha tigi skartata u mistharrga mill-gdid minn din l-Onorabbli Qorti skond l-Artikolu 22(4) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

**It-Tielet Aggravju: Intimat-Appellant Mhux Responsabbli**

**39.** Bla ebda pregudizzju ghal dak kollu sovra diskuss, kellu jirrizulta mill-materjal probatorju illi l-intimat, issa appellant, ma setghax jigi ritenut responsabbli ghan-nuqqas li mmanifesta l-oggett konsenjat u nstallat lir-rikorrenti.

**40.** Dwar dan l-aspett tal-vicenda l-appellant jaghmel pjena referenza ghall-argumenti minnu esposti fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu datata 11 ta' April, 2011 minghajr il-bzonn li jerga jirrepeti hawnhekk dak hemm fiha sottomess. Hawnhekk tibbasta s-segwenti osservazzjoni. L-appellant Bajada kien ha diversi cappetti ghand is-socjeta appellant Metalfit Company Limited sabiex dawn jigu galvanizzati. Is-socjeta appellant kienet taf li l-oggett (cappetti) supliti lilha kellhom jintuzaw fuq aperturi li kienu ser jkunu esposti ghall-elementi u kien ghalhekk li l-appellant Bajada mar ghandha u cioe biex hija tiggalvanizza l-istess. Dan l-iggalvanizzar kellu jkun ta' certu kwalitá, durevoli fiz-zmien u li ma jimmanifestax difetti jew nuqqasijiet ohra simili li jiddiminwixxu l-utilitá tieghu. Huwa mmaterjali – hekk kif tghid is-socjetá appellant msemmija – illi kien l-appellant Bajada li messu ra x'kellu bzonn u dan peress li l-appellanti Bajada mar ghand is-socjeta appellant Metalfit proprju ghalhekk l-ghaliex kienet hi li kienet qeghda tippresta servizz ta' galvanizzar u allura hija kienet l-esperta in materja u mhux bil-maqlub kif qeghda tippretendi issa l-imsemmija socjeta appellant. L-obbligu tas-socjetá kienet li tforni oggett ta' kwalitá. L-iggalvanizzar kellu jkun ta' kwalita li jservi ghall-iskop naturali tieghu. Apparti dan kollu, l-appellat Bajada kien kellem lill-addett tas-socjeta appellanta u kien infurmah x'kien l-iskop li ghalih kien sejjer jintuza l-iggalvanizzar. Minflok ma s-socjeta appellanta telghet lil dan l-individwu, hija ghazlet li tressaq persuna ohra li ma kellu x'jaqsam xejn bejn il-ftehim li sehh bejn Bajada u l-addett tas-socjeta appellanta.

**41.** Illi ghaldaqstant is-socjetá appellanti – galadarba jidher li l-iggalvanizzar minnha maghmul fuq ic-cappetti moghtija lilha mill-appellant Bajada ma kienx effettiv – fl-umili fehma ta' l-appellant Bajada, ghandha ggorr ir-responsabbilitá ta' l-akkadut. L-ilment tar-rikorrenti hu li c-cappetti hargilhom is-sadid. L-iggalvanizzar ta' dawn ic-cappetti kellhu jsir mis-socjeta appellanti Metalfit u kellu jsir skond is-sengha u l-arti u ghall-uzu li solitament iservu c-cappetti (f'dan il-kaz ma' l-aperturi li jkunu esposti ghall-elementi). Dak l-iggalvanizzar ma giex maghmul mill-appellant Bajada, izda prodott u fornit mis-socjetá

appellant. *Ergo*, hija din li ghandha twiegeb ghan-nuqqas fl-oggett u ghad-danni konsegwenzjali u huwa f'dan il-kwadru li gie stabbilit il-vinkolu guridiku bejn is-socjetá Metalfit Company Limited u l-konjugi Spiteri Bailey. Kif diga rajna fis-sentenza **Cachia & Zammit Ltd vs Hix Ltd** aktar il-fuq imsemmija, dan huwa l-iskop ta' l-istitut tal-kjamat in kawza.

**Ir-Raba Aggravju: Ultra Petizzjoni**

**42.** Hi regola sagrosanta illi Qorti, Bord jew Tribunal adit minn certu mertu hu ristrett ghat-talba minnu mitluba u mhux konsentit, hlief fejn il-ligi hekk espressament takkorda, li jmur oltre minn dak li parti titlob.

**43.** Huwa principju generali li n-natura ta' l-azzjoni ghandha tigi dezunta mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. Il-'kawza' ta' domanda hija r-raguni guridika taghha, ossija l-*fundamentum agendi* taghha (*Kollezz*. **Vol.XI, p.401**). Din il-kawza, li hija l-origini tad-domanda, tiddistingwi ruhha mill-oggett tac-citazzjoni, li huwa "*ciò che è attualmente domandato*" (*Kollezz*. **Vol.X, p.926**). Inoltre, hu maghruf li l-Qorti hi marbuta bit-talba kif maghmul fir-rikors guramentat. Dwar hekk inghad illi, "*il-funzjoni tat-tribunal, f'kawza partikolari, hi necessarjament limitata bit-termini tad-domanda"* (*Kollezz.* **Vol.XXXIII.II.55**). L-istess espressjonijiet ta' gudizzju gew abraccjati f'kawzi recenti ghal zminijietna bhal, per ezempju, f'dik fl-ismijiet **Godwin Azzopardi vs. Paul Azzopardi**, (Prim'Awla, 31 ta' Jannar, 2003) u dik fl-ismijiet **Maria Cini vs. Lucia Sive Lucy Saliba et** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, 25 ta' Jannar, 2008). In aggjunta, "*l-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni; u t-termini uzati f'atti gudizzjarji formali, bhal ma huma l-att tac-citazzjoni, ghandhom jittiehdu u jittiehdu biss fis-sens guridiku taghhom, u mhux fis-sens tal-lingwagg popolari ta' nies profani ghall-ligi; xort'ohra, il-konsegwenzi jkunu kaotici*" (**Alice Amato noe vs. Vivian**

**B. DeGray, M.V.O., M.B.E., noe et**, Appell Superjuri, 24 ta’ Novembru, 1958).

**44.** Anke jekk munit bil-fakoltá li jiddeciedi l-kaz quddiemu skond il-kanoni ta’ ekwitá skond l-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal ma setghax, u ma jistax, ma jsegwix tali norma procedurali li tistabbilixxi l-kontradittorju bejn il-kontendenti. Jekk dan ikun mod iehor, dan ikun ifisser li l-eccezzjonijiet appozitament sollevati mill-avversarju ghat-talba attrici jisfumaw fix-xejn u jsiru bla ebda utilitá.

**45.** Wara kollox, l-ekwitá mhux principju indipendenti u distakkat min-normi kodifikati. Anzi, l-ekwitá hija l-espressjoni tal-gustizzja, sostantiva u procedurali, ta’ tali normi mfissra fil-kotba statutorji hekk kif antikament akkolt fil-massimi li jghallmu li *aequitas legem sequitur* u *aequitas nunquam contravenit legem* li rispettivament ifissru li l-ekwità ssegwi l-ligi u li l-ekwità ma tmurx kontra l-ligi.

**46.** Fil-gurisprudenza patria nsibu ritenut li, “*l-ekwità hi intiza biex tkun maghzula mit-Tribunal dik ir-regola ta’ gudizzju li, b’riferiment ghal kaz konkret, tikkonsenti ghal soluzzjoni aktar adegwata tal-kontroversja. Indubitament, ukoll, huwa vitali li din ir-regola tinzamm fil-qafas tar-ragjonevolezza u ma tithalliex tiskonfina fl-arbitrarjeta jew ‘il barra mis-sistema fejn* ***il-ligi u l-principji tad-dritt jibqghu l-gwidi principali fl-ambitu tal-fattispeci specifici li jkunu qed jigu ezaminati****. Certament,* ***ma kellux ikun mistenni illi l-ekwità sservi bhala xi sors alternattiv jew awtonomu ghal-ligi b’mod li t-Tribunal jinjora l-applikazzjoni taghha ghall-mertu tal-punt li kellu quddiemu****. Pjuttost, ir-regola ta’ gudizzju u ta’ l-uzu tal-poter diskrezzjonali vestiti fih kellhom ikunu applikati fil-konfini tal-principju informatur tal-kwestjoni biex jigi verifikat, bhal f’dan il-kaz, dak ir-rapport negozjali suggerit mic-cirkustanzi tal-kawza* ” (**Maltacom plc vs. Silvan Industries Limited et**, Appell Inferjuri, 28 ta’ Novembru, 2007 – enfazi mizjuda).

**47.** Illi minn qari tar-rimedju mitlub mir-rikorrenti, rikalkati sahansitra fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, jidher illi l-istess rikorrenti ma ridux rimedju monetarju izda wiehed riparatorju tas-sitwazzjoni li kienu qed jilmentaw minnha. Minflok, u bla ebda ragjuni valida jew in kollegament mal-Ligi, t-Tribunal akkorda lir-rikorrenti s-somma ta' €2,000 u kwalifika tali dikjarazzjoni u kundanna bhala akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti, meta fir-realtá r-rikorrenti qatt ma talbu tali rimedju.

**48.** Minghajr pregudizzju ghal dak s'issa dibattut dwar dan l-aggravju, li hu fir-rigward ta' l-operat tat-Trubunal, l-appellant Bajada xorta jtenni s-sottomissjoni (ara raba eccezzjoni u nota ta' sottomissjonijiet tieghu datata 11/04/2011) li r-rimedju mitlub mir-rikorrenti m'hu mkien kontemplat taht il-ligi specjali Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta. Rigwardata minn dan l-aspett, it-talba tar-rikorrrenti kellha tigi michuda ghax mhux arginata skond ir-rimedji ricevuti jew komminati fl-imsemmija ligi specjali.

**Il-Hames Aggravju: Rimedju Akkordat Hu Sproporzjonat**

**49.** Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu s'issa espress, is-somma akkordata mit-Tribunal hija priva minn kwalsiasi fundament guridiku, ma ssibx ir-radici fil-provi migbura u, kunsidrati l-fattezzi tal-kaz odjern u ta' l-ilment tar-rikorrenti, hija ferm sproporzjonata.

**50.** L-ilment tar-rikorrenti hu dwar cappetti ghal sitt (6) aperturi li sfaw imsadda. Ir-rimedju moghti lilhom mit-Tribunal hu kumpens ta' €2,000. Bejn l-ilment u s-somma rizarcitorja ma hemm xejn li jghaqqadhom flimkien. La hemm provi ta' hsarat f'tali somma u anqas talba ghal somma rizarcitorja.

**51.** Wiehed retorikament jistaqsi kif, sprovvist minn talba appozita u fin-nuqqas ta' provi f'dan is-sens, it-Tribunal wasal ghas-somma ta' €2,000?

**52.** Ghar-rigward tas-somma likwidata ta' €2,000, l-appellant Bajada jirrileva li il-konjugi Spiteri Bailey qatt ma lmentaw mix-xoghol maghmul mill-appellant Ray Bajada cioe' l-aperturi fihom infushom. L-uniku lment huwa dwar ic-cappetti li ssaddu u xejn izjed. Altru mela l-appellant ma jistax jifhem kif it-Tribunal wasal ghas-somma ta' €2,000 meta hawn qed nitkellmu biss fuq ftit cappetti.

**53.** Din hija trasgressjoni li ma tistax tghaddi inosservata minn din l-Onorabbli Qorti. Anke fuq din il-bazi, id-decizjoni tat-Tribunal jisthoqqilha tigi mhassra.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha il-konvenut Raymond Bajada qed jitlob li din il-Qorti tilqa' l-appell incidentali tieghu billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tat-28 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet premessi, okkorrendo billi tilqa' l-eccezzjoniji tal-preskrizzjoni u tichad it-talba tar-rikorrenti diretta fil-konfront tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti appellati, jew, fin-nuqqas ta' dan, li tilqa' l-bqija ta' l-eccezzjonijiet tieghu u tichad t-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrenti appellati.

**Rat** ir-risposta tal-appellati Nicolette u Michael konjugi Spiteri Bailey għall-appell inċidentali ta' Raymond Bajada fejn gie sottomess:-

Illi fuq nota generali l-atturi appellati jinnutaw illi dan l-appell incidentali, l-istess bhall-appell principali ntavolat minn Metalfit Company Limited, ma jikkontestax il-mertu illi l-prodott supplit kien difettuż u mhux tal-kwalita` pattwita u/jew idonea, liema nuqqas irrizulta f'dannu ngenti lill-konsumaturi appellati;

Illi l-appellanti lanqas ma jikkontestaw il-fatt li l-konsumaturi appellati huma intitolati għal rimedju, izda t-tnejn li huma jippruvaw jinhallu mir-responsabilita` taghhom billi jitfgħu it-tort fuq xulxin;

Illi di piu`, l-appell incidentali jfittex l-annullament ta` sentenza li hija gusta u ekwa fil-mertu billi jiggranfa ma dak illi, fl-opinjoni tal-appellant, huwa nuqqas procedurali.

**Illi fl-ewwel aggravju** tiegħu l-appellant Bajada jgħid illi *"It-Tribunal ma ndagax, hekk kif kien mistenni u minnu doveruż, fl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimat..."*;

Illi, l-kwistjoni tal-preskrizzjoni fill-fatt giet imqajjma u trattata ampjament quddiem it-Tribunal fejn il-partijiet taw kemm ix-xhieda taghhom kif ukoll ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, f'dan ir-rigward;

Illi, a skans ta` ripetizzjoni inutili, l-esponenti jaghmlu riferenza ghan-nota responsiva illi huma kienu pprezentaw fit-Tribunal fit-3 t'Awwissu 2011 (li qed tigi hawn annessa bhala "Dok 1"), dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, liema nota taghmel referenza ampja ghax-xhieda moghtija taht gurament quddiem it-Tribunal, taghti *timeline* car ta` kif graw l-affarijiet u tghid ghaliex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ma kellhiex tintlaqa – kif fil-fatt gara;

Illi l-fatt illi t-Tribunal għadda għad-deċiżjoni fil-mertu huwa, fih innifsu, deċiżjoni li l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat appellant, inkluz dik tal-preskrizzjoni, ġew miċħuda

Illi, a kuntrarju ta` dak sostnut fl-ewwel aggravju ta` l-appellant, zgur li it-Tribunal ma injorax l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *"bhallikieku ma kienitx tezisti"*, tant illi fl-ahhar seduta specifikament ipprovda kif kellha tigi ttratata din l-eccezzjoni, u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti zgur li m'ghandhiex tannulla din sentenza illi hija sostanzjalment ekwa u gusta;

Illi, ebda wahda mill-eccezzjonijiet tal-appellant ma gew specifikament indirizzati fid-decizjoni tat-Tribunal u dan fl-istil konciz u prattiku illi huwa konswet fil-prassi tat-Tribunal, tant illi jekk wieħed jara deċiżjonijiet oħra tal-istess Tribunal, isib illi huwa komuni li eċċezzjonijiet ma

jiġux trattati individwalment fis-sentenza meta tingħata deċiżjoni fil-mertu favur il-konsumatur;

Illi, l-każijiet li jirreferi ghalihom l-appellant in sostenn tal-prinċipju li sentenzi li ma jittrattawx l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni b'mod separat għandhom jiġu dikjarati nulli jekk ma jkunux sostanzjalment gusti, huma kollha decizjonijiet minn sentenzi tal-Qrati ordinarji u mhux minn decizjonijiet tat-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur, liema Tribunal jsegwi proċedura informali u gie mwaqqaf sabiex joffri rimedju effiċjenti, prattiku u bbazat fl-ekwita` lill-konsumaturi;

Illi, proceduralment, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-appellant hass illi l-eccezzjoni tieghu kellha tigi indirizzata b'kap separat, huwa seta' faċilment, minnflok stenna sal-appell inċidentali, talab lill-arbitru tat-Tribunal sabiex jagħti deċiżjoni specifika dwar din l-eċċezzjoni tiegħu, u dan skond is-setgħa mogħtija lill-arbitri ai termini tar-regola 16.4 tar-Regoli Dwar it-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur, li jipprovdi illi: *"16.4. Arbitru jista' jsewwi żball jew omissjoni aċċidentali li jsiru f'deċiżjoni, u jista' iktar minn hekk jipprovdi dwar spejjeż, mgħax* ***<u>jew kull ħaġa oħra li ma tkunx ingħatat deċiżjoni dwarha iżda li fil-fatt kellha tingħata tali deċiżjoni</u>****"*;

Illi, fl-ispirtu tal-Ligi dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u f'gieh l-ekwita` u l-protezzjoni tal-konsumatur, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tannulla sentenza li hija sostanzjalment gusta fuq punt procedurali u dan, *multi magis,* meta jezisti rimedju alternattiv u anqas nociv.

Illi, ukoll mingħajr preġudizzju, jigi sottomess illi l-perjodu ta' sentejn li jagħmel referenza għalih l-artikolu 78 mhux perjodu ta' preskrizzjoni normali billi ma jirreferix għaż-żmien li fih trid tiġi intavolata l-azzjoni tal-konsumatur, iżda jirreferi biss għaż-żmien li fih il-konsumatur irid **<u>jinduna</u>** bin-nuqqas ta' konformitá;

Illi għalhekk ukoll, wiehed m'ghandux jigbed paralleli ma regoli procedurali restrittivi li japplikaw fil-kaz tal-perjodi preskrittivi normali stipulati fil-Kodici Civili taghna;

Illi l-appellant iżid jgħid illi n-nuqqas ta' deċiżjoni imur kontra dak kontenut fl-artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378. Dan huwa ta` sorpriza stante illi l-artikolu jgħid illi t-Tribunal għandu jaqta' l-kwistjonijiet li jkollu quddiemu skond kull mertu u ġustizzja sostantiva tal-każ u skond l-ekwitá, tant li huwa proprju dan li jiddistingwi t-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur minn Qrati u Tribunali oħrajn, u dan sabiex il-konsumaturi, li huma meqjusin li qiegħdin f'pożizzjoni relattivament żvantaġġata versu l-bejjiegħa, jingħataw rimedju aktar flessibbli u effiċjenti li hu bbażat fuq l-ekwitá;

**Illi fit-tieni aggravju** l-appellant jgħid illi l-considerandi tat-Tribunal u l-parti razzjonali tad-deċiżjoni hija mankanti;
Illi kif l-abbli difensuri tal-appellant korrettament antiċipaw, l-appellati jissottomettu illi huwa prinċipju ben stabbilit u komfortat bil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin illi Qorti ta' sekonda istanza, għandha kemm jista' jkun ma tiddisturbax l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni ta' Qorti (jew Tribunal) tal-ewwel istanza – aktar u aktar meta ir-regoli ta` dak it-Tribunal ikunu jipprovdu rimedju alternattiv bhal dak stipulat f'regola 16.4 tar-Regoli Dwar it-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur ikkwotata aktar 'l fuq;

Illi mingħajr ma joqgħodu jikkwotaw b'mod ripetittiv in-numerużi sentenzi li jgħidu dan, l-appellati ser jikkwotaw sentenza waħda fl-ismijiet ***Vincent Spiteri v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** tal-1977, li ġiet ċitata fis-sentenza ***Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister bħala Chairman u in rappresentanza tal-Malta Development Corporation*** datata s-7 ta' Marzu 1994 tal-Qorti Kostituzzjonali: *"illi bħala regola Qorti ta' sekonda istanza ma tiddisturbax id-diskrezzjoni mogħtija lill-Qorti ta' prim'istanza u minnha eżerċitata, jekk mhux għal raġuni gravi bħallikieku fejn dik il-Qorti* ***tkun eżerċitat illegalment jew b'xi mod manifestament erroneju jew inġust****, id-diskrezzjoni tagħha"*;

Illi kif jgħid l-appellant stess, sabiex deċiżjoni tista' tkun soġġetta b'suċċess għal reviżjoni, jeħtieġ illi *"t-Tribunal ma jkunx ippresta attenzjoni adegwata lill-meriti tal-każ, jew fejn l-eżerċizzju tal-poter diskrezzjonali jkun għal kollox nieqes minn raġuni jew meta l-konklużjoni ultimament raġġunta tirriżulta illoġika"*;

Illi fil-kawża odjerna, jekk wieħed iħares lejn dak li rriżulta tul is-seduti quddiem it-Tribunal, u jqabbel dan mar-riżultat finali, jidher ċar li dan ma kienx il-każ;

Illi, mingħajr preġudizzju, l-appellant qiegħed jikkontradixxi lilu nnifsu billi kif jgħid hu stess fit-tmien (8) paġna tar-risposta u appell inċidentali tiegħu, it-Tribunal ta deċiżjoni u spjega ir-raġuni għad-deċiżjoni tiegħu;

Illi l-appellant stess jgħid hekk: *"14. Illi b'deċiżjoni datata it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2012, it-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-sentenza tiegħu li permezz tagħha laqa' t-talba tar-rikorrent u ordna lill-intimati in solidum bejniethom biex iħallsu s-somma ta' elfejn ewro (€2,000), kompriżi wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri.*
*15. Illi dan id-decide ġie raġġunt wara li t-Tribunal kkunsidra hekk:Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ingaġġaw lill-intimat sabiex jissuplixxi u jinstalla aperturi ta' l-Iroko. Illi rriżulta li ċ-ċappetti ta' l-imsemmija aperturi kellhom ikunu "electro-galvanized plated" u li wara xi żmien beda ħiereġ is-sadid minn xi wħud miċ-ċappetti. L-intimat issottometta li "electro galvanizing" huwa l-uniku tip ta' "galvanizing" li fil-prattika jintuża hawn Malta"*;

Illi dawn l-aħħar żewġ paragrafi t-Tribunal ippoġġihom taħt it-titolu ***"Ikkunsidra s-segwenti"*** u b'hekk dawn jikkostitwixxu l-considerandi tiegħu, u wara jikteb ***"Għal dawn il-motivi"*** u jgħaddi sabiex jagħti d-deċiżjoni tiegħu;

Illi joħroġ ċar minn dak li jgħid l-appellant stess meta jikkwota s-sentenza ***Dylan Mallia v. Bargain Holidays*** illi l-motivazzjoni mhux neċessarjament tkun xi waħda elaborata;

Illi b'hekk jikkonkorru l-elementi kollha li tirrikjedi deċiżjoni minn Tribunal ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, kif elenkati mill-appellant f'paġna 17 tar-risposta u appell tiegħu;

Illi għalhekk l-atturi appellati ma jistgħux jifhmu kif l-appellant qiegħed jgħid li r-ratio tad-deċiżjoni kien mankanti;

Illi, mingħajr preġudizzju, kemm il-darba jirriżulta li l-appellant qed jirreferi għall-qosor tad-deċiżjoni tat-Tribunal (relattiv mas-sentenzi tal-qrati ordinarji), kif diga surrefeirt, hija prattika komuni u aċċettata illi d-deċiżjonijiet tal-istess Tribunal ma jkunux twal u jinkitbu f'termini sempliċi li jista' jifhimhom kulħadd, u dan jista' jiġi osservat jekk wieħed iħares lejn deċiżjonijiet oħrajn tal-istess Tribunal;

**Illi fit-tielet aggravju** tiegħu l-appellant jippretendi illi billi l-iggalvanizzar sar minn Metalfit Company Limited, huwa għandu jiġi meħlus mill-obbligi tiegħu taħt l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumaturi;

Illi din il-pretensjoni hi għal kollox infondata kif jirriżulta minn qari tal-artikoli tal-Kap. 378 rigward 'Bejgħ ta' Oġġetti lill-Konsumaturi';

Illi l-artikolu 73 jipprovdi hekk: "(1) Il-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skond hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġetti – jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija mill-kummerċjant u jkollhom il-karatteristiċi, l-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oġġett li l-kummerċjant jkun wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell;

*(a) jkunu adattati għall-iskop partikolari li għalih il-konsumatur ikun jeħtieġhom u li jkun għarrag bihom lill-kummerċjant meta kien qed jagħmel il-kutratt;*
*(b) ikunu adattati għall-iskop li għalih oġġett ta' l-istess tip normalment jintużaw; u*

*(c) juru l-kwalitá u l-kapaċitá li huma normali f'oġġett ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna, fil-qies tax-xorta ta' l-oġġett u meta jitqiesu d-dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-karatteristiċi speċifiċi ta' l-oġġetti li jsiru dwarhom sew mill-kummerċjant, mill-produttur jew mir-rappreżentant tiegħu, partikolarment fl-irreklamar jew fuq it-tikketti"*;

Illi huwa ċar li fil-każ odjern l-appellant Raymond Bajada naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond l-artikolu suċċitat, u dan billi naqas milli jiżgura li l-prodott supplit minnu kien konformi (i) mal-iskop li għalih l-atturi appellati xtraw il-prodott u b'liema skop l-istess konsumaturi kienu informawh, (ii) mad-deskrizjoni mogħtija minnu illi ċ-ċappetti kienu adatti għall-użu fuq barra tant li assigurhom li ċ-ċappetti in kwistjoni *"twaħħluhom u tinsewhom"* għaliex qatt ma jagħtu problemi, u (iii) mal-kwalitá u l-kapaċita li huma normali f'oġġett ta' l-istess tip u li l-konsumaturi setgħu raġonvelment jistennew;

Illi li ġara f'dan il-każ, l-aperturi u ċ-ċappetti inżebgħu b'żebgħa bajda u b'hekk ir-rikorrenti appellatti ma setgħux jindunaw bil-ħsara qabel mas-sadid tant kien avvanzat illi ċ-ċappetti bdew jerħu s-sadid li beda jiskula u itebba ż-żebgħa ta' l-aperturi, u dan ġara wara biss ftit xhur;

Illi l-artikolu 77 tal-Kap. 378 jipprovdi illi meta l-kummerċjant, li jkun il-bejjiegħ aħħari tal-oġġett, ikun responsabbli lejn il-konsumatur minħabba nuqqas ta' konformitá li tirriżulta minn xi att jew omissjoni tal-produttur jew il-bejjiegħ ta' qablu, l-aħħar bejjiegħ ikollu l-jedd li jfittex rimedju kontra l-persuna responsabbli fir-rabta kontrattwali;

Illi minn qari ta' dawn l-artikoli wieħed faċilment jifhem illi l-fatt li fir-rabta kontrattwali jkun responsabbli xi ħadd ieħor (bħall-produttur jew il-bejjiegħ ta' qablu) ma jfissirx li l-bejjiegħ tal-aħħar jinħeles mir-resposabbiltá tiegħu taħt il-Kap. 378;

**Illi r-raba' aggravju** tal-appellant jirrigwarda r-rimedju mogħti mit-Tribunal;

Illi primarjament, l-artikolu 74 tal-Kap. 378 jipprovdi illi l-kummerċjant għandu jipprovdi rimedju għal kull nuqqas ta' konformitá fl-oġġett li kienet teżisti meta dawn ġew ikkunsinnjati lill-konsumatur u fil-każ odjern it-Tribual ordna lill-kummerċjant sabiex jagħmel proprju dan;

Illi l-istess artikolu jispeċifika illi ***"il-konsumatur ikollu jedd"*** li jew l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, jew fl-alternattiv li jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir rexxissjoni tal-kuntratt;

Illi ghalkemm sarulu diversi talbiet mill-appellati sabiex jirrimedja d-dannu, l-appellant Bajada baqa ma bidilx ic-cappetti msadda u ma irripresstinax l-aperturi mtebbghin;

Illi l-atturi kienu talbu lit-Tribunal sabiex jordna li ċ-ċappetti affettwati jiġu mibdula u l-aperturi riprestinati billi jinżebgħu mill-ġdid jew fl-alternattiv li t-tiswijiet isiru minnhom a spesa tal-intimat;

Illi għalhekk il-ħlas ta' somma flus mill-appellant kienet ikkontemplata fit-talba tal-atturi, u tali talba hi kompatibbli ukoll mall-jedd għall-ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat (ai termini tal-artikolu 74);

Illi f'dan il-każ ir-rimedju ġie ikkalkolat b'riferenza għal stima mingħand mastrudaxxa tas-sengħa li ġiet ippreżentata mill-appellati quddiem it-Tribunal, ta' kemm jiġu jiswew it-tiswijiet sabiex l-oġġetti jinġiebu fi stat li kellhom ikunu skond il-wegħdiet tal-kummerċjant;
Illi l-artikolu 76 jistabbilixxi wkoll illi riduzzjoni fil-prezz tista' tingħata meta r-rimedju alternattiv ma jkunx jista' jitlesta għal kollox mingħajr inkonvenjent sinjifikanti għall-konsumatur;

Illi m'hemmx dubju li fil-każ odjern, ir-rimedju ta' tiswija u rimpjazzar ma jistax isir mingħajr inkonvenjent kbir għall-

atturi appellati, kif irrizulta quddiem it-Tribunal u kif jista` jiġi spjegat aħjar tul it-trattazzjoni tal-appell odjern;

Illi kien proprju għar-raġunijiet premessi illi t-Tribunal kellu s-setgħa kollha meħtieġa li jagħżel li jagħti ir-rimedju ta' ritorn ta' parti mill-prezz;

Illi, mingħajr preġudizzju, l-appellant naqas milli jispjega kif dak kollu ċitat minnu għandu japplika għat-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur, anzi hu stess jinnota illi t-Tribunal hu obbligat li jiddeċiedi l-każijiet quddiemu ***"skond il-kanoni tal-ekwitá"***;

Illi mingħajr preġudizzju l-kawża ċitata mill-attur fl-ismijiet ***Maltacom plc v. Silvan Industries Limited et***, l-ewwelnett kienet tirrigwarda deċiżjoni tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar u mhux it-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur illi jimxi b'mod ferm aktar informali, u t-tieni nett il-parti kkwotata ma kienitx tirrigwarda r-rimedju mogħti mit-Tribunal iżda l-mod kif it-Tribunal immotiva *"b'mod loġiku u razzjonali l-elementi fattwali preżentati lilu u dawk tar-rapporti ġuridiċi mitwielda minnhom"*;

Illi nonostante l-atturi appellati jaqblu ma dak ċitat mill-appellant, illi: *"l-ekwitá hi intiża biex tkun magħżula mit-Tribunal dik ir-regola ta' ġudizzju li, b'riferiment għal każ konkret, tikkonsenti għal soluzzjoni aktar adegwata għall-kontroversja."*

Illi in vista ta' dak kollu li ntqal aktar 'il fuq, mingħajr dubju ta' xejn, it-Tribunal raġonevloment għażel dik ir-regola ta' ġudizzju b'referenza għall-każ konkret li kienet toffri l-aktar soluzzjoni adegwata għall-kontroversja, u li tista' tingħata skond il-liġi;

**Illi bil-ħames aggravju** tiegħu l-appellat jallega li r-rimedju fis-somma ta' €2000 huwa spropozjonat;

Illi l-ewwelnett l-appellant hu skorrett meta jgħid illi l-ilment tal-atturi kien jikkonċerna biss ic-ċappetti u dan minhabba illi l-istess sadid fic-cappetti ikkawza dannu lill-aperturi infisshom illi ittebghu u ghalhekk iridu jinzebghu mill-gdid;

Illi, barra minhekk, id-dannu mhux limitat ghall-sitt aperturi biss kif sottomess mill-appellant. B'ammissjoni tal-appellant stess, l-iggalvanizzar tac-cappetti tal-aperturi kollha, li huma hafna aktar minn sitta, sar kollu bl-istess process ta` electro-galvanisation, illi kif irrizulta ampjament huwa inadegwat ghall-protezzjoni mill-elementi u ghalhekk ikkawza l-hsara sofferta;

Illi ghalhekk ic-cappetti **kollha**, ta` l-aperturi **kollha** suppliti mill-appellant iridu jinqalghu u jinbidlu u l-aperturi kollha iridu jerghu jigu mizbugha mill-gdid u għalhekk ir-rimedju mogħti ma kienx għal sempliċi *"ċappetti għal sitt (6) aperturi li sfaw imsadda"* kif jgħid l-appellant fl-appell inċidentali tiegħu, illi bil-kliem *"hawn qed nitkellmu biss fuq ftit ċappetti"* donnu qiegħed jipprova jissuġerixxi li d-dannu li soffrew l-atturi kien wiehed zghir u ta` ftit konsegwenza;

Illi meta wieħed iqis illi l-atturi ħallsu Lm8,000 u cioe` l-ekwivalenti ta **tmintax-il elf, sitt mija u erbgħa u tletin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€18,634.98)** għall-aperturi in kwistjoni, faċilment wieħed jifhem illi r-rimedju mogħti, mhux biss kien jirrifletti l-istima pprezentata mill-appellati izda kien wieħed proporzjonat u konservattiv anke f'termini oggettivi meta wiehed iqis illi dan jirraprezenta biss ghaxra fil-mija (10%) tal-prezz imhallas ghall-prodott;

Illi, ghar-ragunitjiet hawn fuq premessi jidher car u manifest illi dan l-appell incidentali mhuwiex ghajr sforz frivolu u vessatorju tal-appellant (kif kontemplat f'artikolu 22(5) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur) sabiex jisgicca mir-responsibilitajiet tieghu bhala kumercjant kif jirrizultaw mil-Ligi u kif stabiliti mit-Tribunal.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-appellati qed jitolbu li din il-Qorti sabiex (i) tiċħad dan l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur; u (ii) minghajr pregudizzju ghall-talba numru (i) tiddeciedi u tiddikjara illi dan l-appell incidentali huwa frivolu u vessatorju ai termini f'artikolu 22(5) tal-Att dwar l-Affarijiet

tal-Konsumatur. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant Raymond Bajada.

**Rat** ir-risposta tas-socjeta' kjamata in causa Metalfit Company Limited ghall-appell incidentali ta' Raymond Bajada fejn gie sottomess:-

1. Illi permezz tal-avviz fl-ismijiet premessi, ir-rikorrenti talbu illi l-intimat Raymond Bajada jigi ordnat ibiddel ic-cappetti affettwati w jirripristina l-aperturi affetwati billi jinzebghu mill-gdid u li jekk huwa jonqos milli jaghmel dan fi zmien stipulat mit-Tribunal, illi r-rikorrenti jigu awtorizzati jaghmlu huma x-xoghol necessarju, a spese tal-intimat.

2. Illi l-intimat Bajada talab li tigi kkjamata fil-kawza s-socjeta` esponenti.

3. Illi s-socjeta` esponenti eccepiet (a) illi hija ma ghandha ebda relazzjoni kummercjali w konsegwentement ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti konjugi Spiteri Bailey u ghaldaqstant, in kwantu t-talbiet tar-rikorrenti huma ndirizzati minnhom lejn is-socjeta' eccipjenti, dawn ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u (b) in subsidju w bla pregudizzju ghall-premess, in kwantu ghall-oggetti mibjugha u konsenjati lill-intimat l-iehor Raymond Bajada, dan kien jaf ben tajjeb x'tip ta' zinkatura tinghata lill-istess oggetti mill-fabbrika tal-esponenti, ghax ma kienx l-ewwel darba li nqeda bis-servizzi tas-socjeta' eccipjenti, u kwindi kien imgharraf u jaf li l-istess oggetti ma kienux idoneji li jintuzaw fuq barra, allura messu tahom zinkatura u/jew protezzjoni differenti w ulterjuri ghal dik moghtija mis-socjeta' esponenti.

4. Illi permezz tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2012, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur iddecieda l-proceduri billi laqa' t-talba tar-rikorrenti w ordna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu s-somma ta' €2,000, bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

5. Illi l-konvenuta esponenti intavolat appell, peress illi hasset ruhha aggravata bl-imsemmija sentenza.

6. Illi in segwitu ghal dan l-appell, il-konvenut l-iehor Raymond Bajjada, intavola appell incidentali peress illi anke hu hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza.

7. Illi a skans ta' ripettizzjoni, l-esponenti taghmel ampja riferenza ghall-kontenut tal-appell principali taghha.

8. Illi in kwantu jirrigwarda l-ewwel aggravju, it-tieni aggravju, ir-raba' aggravju w il-hames aggravju mressqa mill-konvenut Raymond Bajada, dawn huma kollha fil-konfront tal-atturi appellati konjugi Spiteri Bailey u l-pretensjonijiet minnhom mressqa, u tali aggravvji huma gusti w ghandhom ukoll iwasslu sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra taghhom u/jew kontra l-konvenut Raymond Bajada.

9. Illi in kwantu jirrigwarda t-tielet aggravju mressaq mill-konvenut Raymond Bajada, ossija li huwa mhuwiex responsabbli fil-konfront tal-atturi w li tali responsabbilta` semmai ghandha tingarr mill-esponenti, jigi sottomess bir-rispett illi tali aggravju huwa insostenibbli w ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-konvenut Raymond Bajada.

Is-semplici fatt illi s-socjeta` esponenti kienet giet imsejjha fil-kawza mill-konvenut Raymond Bajada, certament illi mhuwiex bizzejjed sabiex iwassal biex titwieled relazzjoni guridika bejn l-atturi u s-socjeta` esponenti u l-anqas ma tnissel ness guridiku bejn is-socjeta` esponenti w it-talbiet u r-rimedji mitluba mill-atturi. Dan qieghed jinghad partikolarment fid-dawl tal-fatt illi l-proceduri li l-atturi ghogobhom iressqu, huma esklussivament ibbazati fuq ir-relazzjoni bejn konsumatur u kummercjant u dan skond id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Fil-fatt, l-atturi ma ressqux it-talbiet taghhom quddiem il-Qrati *ordinarji*, izda fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur.

Fl-ewwelnett il-konvenut Bajada jallega illi s-socjeta` esponenti kienet obbligata li tforni oggett ta' kwalita` li jservi ghall-iskop naturali tieghu. Apparti l-fatt illi kif gja` rilevat, l-obbligi tas-socjeta` esponenti huma biss fil-

konfront ta' Raymond Bajada u certament mhux fil-konfront tal-atturi, jibqa' dejjem il-fatt illi s-servizz ta' zinkatura li toffri s-socjeta` konvenuta hija biss ta' tip limitat u cjoe` dik ta' *8 microns*, li hija addattata biss ghal cappetti li jitwahhlu fuq oggetti li ma jkunux esposti ghall-elementi esterni.

Il-konvenut Bajada jallega illi huwa kien informa lill-impjegat tas-socjeta` esponenti dwar l-uzu intiz ghac-cappetti w sahansitra jghid illi kien l-obbligu tas-socjeta` esponenti li tressaq tali impjegat bhala xhud. Bir-rispett kollu, jekk il-konvenut Bajada ried jipprova ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal, li huwa kien indika l-iskop intiz ghal tali cappetti, kien jispetta lill-istess Bajada li jressqu bhala xhud biex jikkonferma l-allegazzjoni tieghu illi huwa kien iddikjara b'mod car u univoku fejn tali cappetti kienu ser jigu eventwalment installati. Gjaladarba ma jirrizultax bhala ppruvat, la li Bajada kien attwalment informa lill-impjegat tas-socjeta` esponenti li tali cappetti kienu ser jitwahhlu fuq barra u l-anqas illi s-servizz minnu rikjest kien differenti minn dak li toffri s-socjeta` esponenti, ma jistax jigi ritenut li kien hemm xi nuqqas da parte tal-esponenti fil-konfront tal-konvenut Bajada u wisq inqas fil-konfront tal-atturi. Tant mhuwiex minnu li Bajada kien informa lill-impjegat tal-esponenti li c-cappetti kienu ser jintuzaw fuq aperturi esterni, li fl-appell incidentali huwa jghid *"L-iggalvanizzar ta' dawn ic-cappetti kellu jsir mis-socjeta` appellanti Metalfit u kellu jsir skond is-sengha w l-arti u ghall-uzu li solitament iservu c-cappetti (f'dan il-kaz ma' l-aperturi li jkunu esposti ghall-elementi)."*[1] Jekk Bajada kien verament ikkonkluda jew hadaha *for granted* li cappetti jintuzaw biss fuq aperturi esposti ghall-elementi, din kienet konkluzjoni gratuwita w ovvjament zbaljata minn-naha tieghu, ghax huwa ovvju ghal kulhadd u wisq iktar ghal mastrudaxxa (bhala ma hu l-konvenut Bajada), li capetti jintuzaw ukoll fuq diversi oggetti w ghamara li tinzamm f'ambjenti interni u li bhala prekawzjoni ulterjuri tinghata zinkatura bazika kontra l-umdita` ambjentali interna.

[1] Ara fol-20 tar-risposta tal-appell/appell incidentali ta' Raymond Bajada.

Il-konvenut Bajada jghid illi jekk l-iggalvanizzar ma kienx effettiv, ghandha tirrispondi s-socjeta` esponenti. Fir-rejalta` w kif gja` rilevat, is-servizz ipprovdut mis-socjeta` esponenti kien EFFETTIV, izda dan naturalment fl-ambitu tas-servizz li hi tipprovdi, ossija zinkatura limitata ta’ 8 microns, li huwa mehtieg ghal certi skopijiet. Fl-ahhar mill-ahhar, anke s-semplici prezz taz-zinkatura, globalment ammontanti ghal €72.96c (inkluz VAT) imhallas lis-socjeta` esponenti, huwa fih innifsu konferma ulterjuri li tali zinkatura hija wahda minima intiza biss ghal uzu intern. Jekk il-konvenut Bajada ghogbu jaghti garanziji ulterjuri lill-atturi, fl-ahhar mill-ahhar ukoll riflessi fil-prezzijiet sostanzjali minnhu talvolta mitluba w imhallsa mill-atturi, certament illi dawn ma ghandhom ikollhom ebda konsegwenza fuq l-esponenti.

Kuntrarjament ghal dak suggerit minn Bajada, il-fatt illi z-zinkatura fuq ic-cappetti nghatat mis-socjeta` esponenti ma jfissirx li dan il-fatt wahdu jwassal awtomatikament biex jikkreja relazzjoni guridika bejnha w l-atturi, wisq inqas meta l-pretensjonijiet attrici huma unikament ibbazati fuq id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u tenut ukoll kont tat-talbiet imressqa w proposti mill-atturi. In-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejn is-socjeta` esponenti w l-atturi, hija wkoll rikonoxxuta, (a) kemm fir-rijassunt dettaljatissimu tat-talbiet taghhom, li l-atturi ghamlu fin-nota ta’ sottomissjonijiet, fejn huwa regghu tennew illi t-talbiet taghhom huma diretti unikament kontra l-konvenut Bajada u (b) kif ukoll fir-risposta ghall-appell principali tal-esponenti, fejn l-atturi qalu illi Raymond Bajada mhux biss naqas milli jissupplixxi prodott tal-kwalita` mwieghda lill-atturi (f’dan il-kaz, certament illi s-socjeta` esponenti ma weghdet xejn u ma pprovdiet l-ebda garanziji lill-atturi), izda Bajada naqas ukoll milli jwettaq l-obbligi prezunti fil-kuntratt ta’ bejgh illi jaghmel tajjeb ghal difetti li ma jidhrux (similment, ma kien hemm l-ebda kuntratt ta’ bejgh u l-anqas ma gew stabbiliti xi obbligazzjonijiet, bejn is-socjeta` esponenti w l-atturi).

Ghal dawn il-motivi, is-socjeta` kjamata in kawza Metalfit Co. Ltd. tissottometti illi, it-tielet aggravju mressaq mill-konvenut appellant Raymond Bajada ghandu jigu michud,

bl-ispejjez kontra tieghu, filwaqt li ddikjarat li taqbel mal-ewwel, it-tieni, ir-raba' w il-hames aggravji mressqa mill-istess Raymond Bajjada, b'dan illi din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-atturi u/jew kontra l-konvenut Raymond Bajada.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kompilati quddiem it-Tribunal ghat Talbiet tal-Konsumatur.

**Rat** id-dokumenti esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell minn decizjoni tat-Tribunal ghat Talbiet tal-Konsumatur (minn hawn il-quddiem imsejjah "it-Tribunal") u jirrigwarda x-xiri ta' cappetti galvanizzati li kellhom jitwahhlu ma aperturi li kienu jaghtu ghal barra. Ir-rikorrenti kienu inkarigaw biex jaghmel dan ix-xoghol lill-intimat appellant Raymond Bajada, li akkwista l-imsemmija cappetti mis-socjeta' kjamata fil-kawza Metalfit Co. Ltd. L-istess kjamata fil-kawza saret fuq talba tal-imsemmi intimat Bajada. Dan l-appell gie ippresentat mis-socjeta' kjamata fil-kawza u l-istess appell ipprovoka appell incidentali minn naha tal-imsemmi intimat. Originarjament it-talba tar-rikorrenti kienet diretta biss kontra l-intimat u fil-kors tal-proceduri giet kjamata fil-kawza l-imsemmija socjeta' li kienet forniet ic-cappetti in kwestjoni. Wara xi zmien li dawn twahhlu beda hiereg is-sadid nonostante li suppost li kienu galvanizzati. It-talba principali tar-rikorrenti konjugi Spiteri Bailey hi fis-sens li l-intimat Bajada jigi ordnat ibiddel l-imsemmija cappetti u jirripristina l-apperturi billi jinzebghu mill-gdid. .

It-Tribunal iddecieda billi laqa t-talba tar-rikorrenti u "ordna lill-intimati in solidum bejnithom ihallsu s-somma ta' elfejn euro (€2000) bl-ispejjez kontra l-istess intimati." Hu ovvju li hawnhekk meta intuzat il-kelma "intimati" ir-referenza

kienet kemm ghall-intimat Bajada kif ukoll ghas-socjeta' kjamata in causa.

Tista tkun gusta s-sottomissjoni tal-intimat, maghmula fl-appell incidentali tieghu, li d-decizjoni in kwestjoni mhux ben motivata u mhux twila kif ghandha tkun u hi nieqsa minn konsiderazzjonijiet. Din il-Qorti, pero', m'ghandix biss thares lejn d-decizjoni u t-tul taghha u tieqaf hemm izda hu necessarju li d-decizjoni tigi analizzata fl-isfond tan-natura tal-azzjoni kif ukoll tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.

In effett dan hu it-tieni aggravju tal-appellant incidentali fejn qed jigi sottomess li d-decizjoni mhux razjonali u tindika li t-tribunal ma uzax id-diskrezzjoni tieghu eccetto ghal certi osservazzjonijiet li pero' huma generici. Skond il-provedimenti tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur) it-Tribunal ghandu jiddeciedi t-talbiet u l-kwestjonijiet li jkollu quddiemu "skond kull meritu u gustizzja sostantiva tal-kaz u skond l-ekwita'" u dan a basi tal-artikolu 21(1). Skond l-artikolu 22(2)(c) jista isir appell meta t-tribunal, fid-decizjoni tieghu, ma osservax il-principji tal-gustizzja naturali u l-appellant ikun sofra pregudizzju. L-artikolu 23(1) jipprovdi li l-arbitru li jkun qed jippresjedi fit-tribunal ghandu jirregola l-procediment bil-mod li jahseb li jkun l-aktar xieraq sabiex titwettaq il-gustizzja naturali. Hu ukoll rilevanti l-artikolu 23(2)(d) li jistupula li l-arbitru m'ghandux jimmotiva d-decizjonijiet tieghu b'konsiderazzjonijiet twal izda jkun bizzejjed li jirrileva l-bazi li fuqa jkun iddecieda l-varji kwestjonijiet.

In vista ta' dawn l-artikoli jidher li t-Tribunal ghandu essenzjalment l-istess setghat li ghandha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili bl-eccezzjoni li l-arbitru, li jkun qed jippresjedi fuq il-procediment quddiem it-Tribunal, ghandu ukoll jirregola l-procediment u jiddeciedi l-kwestjonijiet skond id-dettami tal-gustizja naturali, li, kif hu ben risaput, jinvolvu l-principji espressi bil-frasijiet "nemo judex in causa proprja" u "audi alteram parte." Dawn, fimkien mal-principju li d-decizjonijiet ghandhom ikunu motivati. huma il-kolonni li

fuqhom hu bbazat it-twettiq tal-gustizzja naturali. L-arbitru ghalhekk irid jassigura principalment li l-partijiet involuti fil-procediment jinghataw l-istess trattament u jkolhom l-istess drittijiet u fakoltajiet. Inoltre l-arbitru ghandu jiddeciedi l-kwestjonijiet skond il-ligi u skond l-ekwita'. Hemm ukoll il-possibilita' ta' appell meta l-arbitru ma jkunx osserva l-imsemmija principji tal-gustizzja naturali. Inoltre l-arbitru jista jillimita ruhhu li semplicement jirrileva s-sisien li fuqhom wasal ghal konkluzjonijiet tieghu.

It-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta) ukoll jista jiddeciedi "skond l-ekwita'." F'dan ir-rigward l-ahhar imsemmi Tribunal fis-sentenza tieghu tad-19 ta' Dicembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet "Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qorti tal-Gustizzja" wara li esamina fid-dettal, fost affarijiet ohra, l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li it-Tribunal ghat-Talbier Zghar ghandu jiddeciedi "principalment skond l-ekwita'" u varji sentenzi u awturi li ttrattaw il-kuncett tal-ekwita' wasal ghall-konkluzjoni li "l-ekwita' ghandha ssegwi l-ligi u ghandha ukoll pero' l-funzjoni specjali li tissupplimentaha fejn din hi nieqsa, billi taghti rimedju fejn hemm ir-raguni u b'mod li ssir gustizzja ma dak li jkun."

Jista jinghad ghalhekk li din id-definizzjoni hi ukoll applikabbli ghat-Tribunal stante li fiz-zewg kazi cioe' kemm fil-kaz tat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar kif ukoll f'dak tat-Tribunal tal-Konsumatur il-kelma "ekwita'" hi abbinata ma l-kliem "skond il-Ligi."

L-ekwita' hu principju difficili biex jigi applikat u biex jinftiehem b'mod partikolari fil-kuntest tal-ligi. L-ekwita' pero' ma tista qatt tissostitwixxi l-ligi. L-ekwita' ghandha jkollha funzjoni li tissupplimenta u tassisti l-ligi u dan anke billi possibilment u fejn ikun il-kaz timmodera r-rigur tal-ligi bil-ghan li ssir il-gustizzja. L-ekwita' tassisti l-ligi fejn din hi mankanti u tista tghin sabiex jigu respinti tentattivi biex tigi evasa l-ligi. L-ekwita' m'ghandix ikollha l-funzjoni li tiddemolixxi l-ligi izda ghandha tghin il-ligi. Hu difficli biex jigi miftiehem kif jista jigi applikat dan il-kuncett peress li jridu jigu konciljati r-rigur li ghandhom jigu osservati l-

ligijiet mal-kuncett li trid issir il-gustizzja. Dan hu hekk stante li hu possibbli li meta jigu applikati l-ligijiet, li ghandhom dejjem jigu applikati nonostante li jistghu jkunu iebsin, ma ssirx gustizzja. Dak li hu ekwu necessarjament hu gust pero’ dak li hu ekwu jista jkun li jmur kontra l-ligi. Possibilment ghandu jinstab bilanc bejn dak li hu skond il-ligi u dak li hu gust u tali bilanc, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, jista jintlaqa possibilment permezz tal-interpretazzjoni tal-ligi, li hu l-kompitu ewlieni tal-gudikant.

Inoltre hu evidenti, mill-varji disposizzjonijiet applikabbli, li l-ligi trid, fil-kaz tat-Tribunal tal-Konsumatur, li l-kawzi jipprocedu u jigu decizi bl-ispeditezza li hi konsoma man-natura tal-kawzi u mal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn natura stess tal-kawzi, quddiem it-Tribunal, il-kwestjonijiet ghandhom jinqatghu malajr minhabba ukoll ragunijiet tal-kummerc, etici u ekonomici. Ghalhekk wara li l-procediment isir bi speditezza, d-decizjoni ghandha ukoll tinghata bi speditezza u d-decizjoni m’ghandix tkun elaborata jew komplikata sabiex tkun tista tinftiehem b’mod facli. Id-decizjoni trid tkun bazata fil-logika u tkun motivata pero’ minnhajr il-bzonn li jinghataw dettalji zejda. Ghalhekk il-motivazzjonijiet possibilment ghandhom ikunu cari u koncisi. Dan kollu jista ma jkunx implicitu fid-decizjoni stante li jista jigi desunt mill-istess decizjoni.

Ma l-ewwel daqqa t’ghajn jista jkun li d-decizjoni tidher li hi nieqsa minn motivazzjonijiet cari pero’ certi fatti, konsiderazzjonijiet u decizjonijiet jistghu jigu facilment desunti. Certu elementi li huma necessarji sabiex sentenza tal-Qorti tkun ritenuta li hi valida ma japplikawx ghad-decizjoniet tat-Tribunal u dan ghaliex il-ligi stess trid hekk kif ukoll minhabba l-esigenzi ta’ speditezza u ta’ kjarezza minnghajr ebda komplikazzjoni.

Fil-kaz in ezami jista jigi desunt mid-decizjoni li t-Tribunal kien tal-fehma li kemm l-intimat appellant kif ukoll il-kjamati fil-kawza appellanti kienu responsabbli, in solidum bejnithom, ghal-hsarat in kwestjoni u ghad-danni li segwew. Konsegwentement jirrizulta li t-Tribunal accetta l-verzjoni li s-socjeta’ kjamata fil-kawza kienet konsapevoli,

jew stghet tkun taf, li c-cappetti kienu ser jittwahhlu fuq barra u kienu ser ikunu esposti ghall-elementi.

Ghalhekk ghat-Tribunal it-tnejn kienu responsabbli stante li l-intimat bhala mastrudaxxa tas-sengha kellu jkun jaf liema kien l-ahjar mod ta' galvanizzar adattat ghal uzu li kien ser isir mic-cappetti u stante li s-socjeta' kjamata fil-kawza talli forniet u ggalvanizzat cappetti li ovvjament ma kienux tajbin bizzerjjed ghal uzu taghhom u talli setghet tkun taf bl-uzu li kien ser isir mill-prodott fornit.

Dawn kollha huma essenzjalment kwestjonijiet u konsiderazzjonijiet ta' fatt u t-Tribunal biex wasal ghalihom necessarjament ghamel evalwazzjoni ta' dak li l-provi kif ukoll ikkonsidra s-sottonmissjonijiet tal-partijiet. Finalment, fl-opinjoni ta' din il-Qorti d-decizjoni li wasal ghaliha t-Tribunal hi ekwa u gusta u b'tali konstatazzjoni qed jigu decizi diversi mill-varji aggravji tal-intimat appellant kif ukoll diversi sottomissjonijiet tas-socjeta' kjamata in causa appellanti. Wara dan kollu il-Qorti ser tghaddi biex tesamina l-varji aggravji kemm tas-socjeta kjamata fil-kawza kif ukoll tal-intimat.

L-ewwel aggravju tas-socjeta' kjamata fil-kawza appellanti jikkonsisti fis-sottomissjoni li hi ma ghandha ebda relazzjoni kummercjali jew guridika mal-appellati u ghalhekk kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Originarjament l-appellati taw inkarigu lill-intimat appellant biex jaghmel ix-xoghol in kwestjoni. L-imsemmi appellant biex jaqdi dan l-inkariku akkwista cappetti galvanizzati minnghand is-socjeta' appellanti. L-appellati jsostnu li dawn ic-cappetti kkawzawlhom danni stante li wara xi zmien nonostante li kienu galvanizzati beda hiereg il-sadid. In effett l-appellati ddirigew din l-istanza kontra l-intimat appellant biss, li da parte tieghu talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' appellanti. Sewwa ghamel it-Tribunali li laqa din it-talba anke ghall-ekonimija tal-gudizzju, billi kienet tirrizulta il-konnessjoni fin-negozju bejn l-intimat u l-istess socjeta' li pproduciet u fornit ic-cappetti. Inoltre m'hemmx dubju li meta l-intimat appellant ghamel in-negozju mas-soscjeta' kjamata fil-kawza u akkwista l-imsemmija oggetti u kien qed jagixxi ghan-nom tal-

appellati u ma kienx qed jakkwista semplicement f'ismu. Dan kollu jfisser li kien hemm relazzjoni kummercjali bejn l-appellati u s-socjeta' appellanti anke jekk possibilment b'mod indirett. Ghalhekk l-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti jimmerita li jigi michud.

Fit-tieni lok is-socjeta` appellanti tissottometti li t-Tribunal oltrepassa r-rimedju u t-talbiet tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward l-appellanti ssostni li t-Tribunal kellu joqod mat-talbiet tar-rikorrenti appellati u cioe' li kollox jerga jingieb fl-istat pristinu tieghu billi jinbiddlu c-cappetti u jergghu jinzebghu l-aperturi u mhux kif finalment iddecieda t-Tribunal li llikwida ammont li kelli jkun pagabbli lill-appellati. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz l-imsemmija konkluzjoni finali tat-Tribunal kienet l-aktar wahda gusta u ekwa. Kemm l-intimat, li esegwa x-xoghol tat-twahhil tal-aperturi, kif ukoll is-socjeta' fornitrici tac-cappetti gew ritenuti li kienu responsabbli tal-hsarat in kwestjoni. Seta kien problematiku li jinghata r-rimedju li kienu qed jitolbu l-appellati u dan anke in vista tal-fatt li, legittimament, giet ikkjamata fil-kawza l-imsemmija socjeta'. Ghalhekk it-Tribunal kien ghaqli meta llikwida ammont pagabbli lill-appellati minnflok ma ordna konformement ma t-talbiet taghhom.

Is-socjeta' appellanti tilmenta ukoll li t-Tribunal evalwa b'mod zbaljat il-provi mibjuba quddiemu u s-sottomissjonijiet taghha. Gia nghad li ma hemmx fuq xix l-apprezzament tal-provi tat-Tribunal jigi disturbat, stante li l-konkluzjonijiet tal-istess Tribunal jidhru li huma ben ibbazati. Jista pero' jigi rilevat, kif hu komunement percepit, li l-fatt li c-cappetti ttiehdu ghand is-socjeta' appellanti sabiex jigu galvanizzati, hu indikattiv li l-istess kienu ser jintuzaw fuq barra u kwindi kien l-obbligu tal-istess socjeta' li tirrileva li dak it-tip ta'galvanizzar ma kienx adattat ghall-uzu fuq barra. In vista ta' dan kollu kien aktar logiku li tigi likwidata somma pagabbli lill-appellati milli jigu applikati r-rimedji mitluba.

Ir-raba' aggravju tas-socjeta` appellanti ukoll jimmerita li jigi rigettat stante li r-rimedju ahhari moghti mit-Tribunal jidher li hu proporzjonat fir-rigward ta' kemm kien l-import

kollu tal-inkariku in kwestjoni. F'dan ir-rigward ghandu ukoll jitqies il-prezz tax-xoghol li kien involut biex kollox jerga jingieb fl-istat pristinu tieghu u jerga jsir ix-xoghol ta zeba fir-rigward ta' numru mhux hazin ta' aperturi. Inoltre jidher ukoll li, f'dan ir-rigward, it-Tribunal ibbaza ruhu fuq dokument, li gie presentat mill-appellati, u li kien jindika l-ammont li kien involut sabirx isir ix-xoghol kollu involut.

Fid-dawl ta' dak kollu li gie premess, inkluz dak li gie konstatat dwar fuq'ix ghandu jibbaza d-decizjonijiet tieghu t-Tribunal, jirrizulta li l-aggravji kollha tas-socjeta' kjamata in causa jimmeritaw li jigu michuda.

Gia gie trattat u michud it-tieni aggravju tal-intimat appellant. L-istess appellant inoltre jilmenta b'varji lmenti ohra. Jigi sottolineat li l-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlet din il-Qorti fir-rigward tal-appell tas-socjeta' kjamata fil-kawza japplikjaw ghall-appell incidentali u dan fejn huma applikabbli. L-ewwel aggravju tal-intimat appellant Raymond Bajada hu fis-sens li t-Tribunal ma ttrattax l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnu a bazi tal-artikolu 78 tal-imsemmi Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess appellant ikompli jsostni li, fuq il-provi kollha prodotti huwa ma kellux jinstab li hu responsabbli ghal hsarat in kwestjoni billi wettaq l-inkariku moghti lilu skond kif trid is-sengha u kwindi hi s-socjeta' kjamata fil-kawza li kella tinstab responsabbli versu l-appellati. Aggravju iehor tal-appellant intimat hu li t-Tribunal esorbita mit-talbiet attrici billi akkorda lill-appellati rimedju differenti minn dak li talbu l-istess appellati. Finalment l-appellanti jilmenta li l-amont li gie likwidat bhala danni la ma hu bbazat fuq il-ligi u lanqas fuq il-provi. Inoltre, skond l-istess appellant, l-imsemmi ammont hu sproporzjonat tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

L-ewwel aggravju tal-intimat appellant hu diviz fi tnejn u cioe' l-ewwel li t-Tribunal naqas li jiddecieda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f'kap seperat u fit-tieni lok li l-istess eccezzjoni ghandha issa tigi deciza minn din il-Qorti skond l-artikolu 22(4) tal-Kapitolu 378. Jidher li tali eccezzjoni giet ampjament trattata u diskussa quddiem it-Tribunal. Dan nonostante t-Tribunal ma ddeciedix tali

kwestjoni taht kap seperat izda ghadda direttament biex jittratta u jiddeciedi l-meritu bil-mod li gia gie rilevat. B’hekk jista jigi desunt li t-Tribunal cahad l-istess eccezzjoni.

Hawnhekk, pero’, mhux il-kaz li tigi annullata d-decizjoni tat-Tribunal peress li, kif gia rilevat, l-istess decizjoni hi sostanzjalment ekwa u gusta.

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 78 tal-Kapitolu 378. Dan l-artikolu jipprovdi li l-kummercjant hu responsabbli li jikkonsenja lill-konsumatur l-oggett mixtri skond kif gie ordnat u skond id-deskrizzjoni kif specifikata mill-istess konsumatur. Inoltre l-oggett irid ikun tajjeb bizzejjed ghall-uzu u l-iskop intiz. F’dan ir-rigward il-kummercjant hu responsabbli li jipprovdi rimedju jekk il-konsumatur jinduna b’nuqqas ta’ konformita’ fl-oggett fi zmien sentejn mill-akkwist. Dan m’ghandux jitqies li hu pewiodu preskrittiv normali stante li mhux periodu li fih tassattivament trid tigi intavolata azzjoni minn naha tal-konsumatur. Ghandu jigi ukoll rilevat li skond l-istess Kapitolu l-imsemmi perijodu jigi sospiz meta il-kummercjant u l-konsumatur ikunu qed jiltaqghu bil-ghan li jintlehaq ftehim. Jista jinghad ukoll li dan il-provediment jiddifferenzja mill-preskrizzjoni normali fejn it-terminu jerga jinbeda biss meta jkun hemm ammissjoni jew att gudizzjarju.

F’dan ir-rigward l-appellant jaghmel ukoll referenza ghall-artikolu 79(1) tal-istess Kapitolu 378 fejn hemm dispost li sabiex il-konsumatur ikunn jista igawdi mir-rimedji imsemmijin fl-istess artikolu 78, ghandu javza lill-kummercjant bil-miktub bin-nuqqasijiet fi zmien xahrejn minn meta jinduna bl-istess nuqqasijiet. L-imsemmija artikoli 78 u 79 pero’ mhux applikabbli ghal kaz in ezami stante li hawn si tratta ta’ azzjoni ghad-danni u ghalhekk huma applikabbli l-artikoli rilevanti tal-Kodici Civili. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-intimat appellant a bazi tal-artikoli 78 u 79 tal-Kapitolu 378 ma tistax tigi akkolta.

Dwar l-aggravju l-iehor tal-intimat u cioe' li l-appellant m'ghandux jitqies li hu responsabbli ghad-danni trid issir refernza ghal dak kollu li gia intqal fir-rigward ta' aggravju simili sollevat mis-socjeta' appellant, pero jista jigi rilevat mill-gdid li l-intimat appellant, bhala wiehed tas-sengha, missu kien jaf x'tip ta' galvanizzar hu adegwat ghall-usu fuq barra.

Fir-rigward tal-aggravji l-ohra tal-intimat ghandhom japplikaw il-konsiderazzjonijiet kollha ta' din il-Qorti in generali fir-rigward tal-kwestjoni tal-ekwita' u in partikolari fir-rigward tat-tieni aggravju tas-socjeta' appellanti. Ghal dawn ir-ragunijiet l-aggravji l-ohra kollha tal-intimat appellant jimmeritaw li jigu respinti u cioe' l-aggravju dwar l-ultra petita u l-aggravju li r-rimedju moghti mit-Tribunal hu sproporzjonat'

Finalment din il-Qorti tenfasizza li minhabba l-ispeditezza li biha jridu jigu decizi l-kwestjonijiet quddiem it-Tribunal, il-proceduri u d-decizjonijier ghandhom ikunu inqas formali stante li kif gia gie rilevat ir-rimedji li ghandu jasal ghalihom it-Tribunal ghandhom ikunu spediti, prattici u efficjenti oltre li jkunu bbazati mhux biss skond id-disposizzjonijiet tal-ligi izda ukoll fuq l-ekwita'. Ghalhekk kemm l-appell tas-socjeta' kjamata fil-kawza kif ukoll l-appell tal-intimat jisthoqqilhom li jigu michuda u d-decizjoni in kwestjoni tat-Tribunal timmerita li tigi konfermata fit-totalita' taghha.

Il-Qorti thoss ukoll li ghandha tirrimarka ukoll li mhux dejjem jistghu jigu desunti l-konsiderazzjonijiet u d-decizjonijiet tat-Tribunal u b'hekk hu desiderabbli li fid-decizjonijiet jigu indikati l-konsiderazzjonijiet kif ukoll il-varji konkluzjonijiet u dan ukoll biex jinghata sodisfazzjon lill-partijiet. Tikkonsidra inoltre li fatt semplici ta' kummerc ipprovoka proceduri li hadu zmien sproporzjonat u rikorsi tal-appell u tal-appell incidentali ukoll pjuttost twal u konsegwentement varji risposti ukoll sostanzjali u dan meta kollox kellu jsir bi speditezza.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjeta’ kjamata fil-kawza appellanti u tichad ukoll l-appell incidentali tal-intimat appellant u tikkonferma “in toto” d-decizjoni appellata tat-Tribunal tal-Konsumatur tat-28 ta’ Mejju 2012 fl-avviz numru 143/10 fl-istess ismijiet premessi.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez kollha tal-appell jithallsu mill-intimat appellant, mis-socjeta’ kjamata fil-kawza appellanti u mill-appellati fi kwoti indaqs kull wiehed u cioe’ parti wahda minn tlieta (1/3) kull parti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------